



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0404/2012

7.12.2012

*****I**

RAPPORT

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/98/KE dwar l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku
(COM(2011)0877 – C7-0502/2011 – 2011/0430(COD))

Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

Rapporteur: Ivailo Kalfin

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b'tipa ***grassa u korsiva***. Test *korsiv normal* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tal-abbozz ta' att li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvjji jew nuqqasijiet f'verzjoni lingwistika partikolari). Il-korrezzjonijiet proposti huma soġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

L-intestatura ta' kwalunkwe emenda għal att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, ikun fiha t-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att. Il-partijiet li jittieħdu kif inhuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-abbozz ta' att ma jkunx emenda, huma indikati b'tipa ***grassa***. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...].

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW	5
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAS-SUQ INTERN U L-ĦARSIEN TAL-KONSUMATUR	35
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KULTURA U L-EDUKAZZJONI	54
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJET LEGALI	77
PROCĊEDURA.....	90

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/98/KE dwar l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (COM(2011)0877 – C7-0502/2011 – 2011/0430(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2011)0877),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0502/2011),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni motivata preżentata mill-Parlament Svediż, fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità, li tiddikjara li l-abbozz ta' att leġiżlattiv ma jimxix mal-prinċipju tas-sussidjarjetà,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-25 ta' April 2012¹,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-opinjonijiet tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni u l-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A7-0404/2012),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

**Proposta għal direttiva
Kunsiderazzjoni 5a (ġdida)**

¹ ĠU C 191, 29.6.2012, p. 129.

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta¹,

¹Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta tat-18 ta' April 2012 dwar il-'Pakkett ta' Dejta Miftuħa' tal-Kummissjoni Ewropea inkluża Proposta għal Direttiva li temenda d-Direttiva 2003/98/KE dwar l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (PSI).

Emenda 2

Proposta għal direttiva Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1a) Id-dejta u l-informazzjoni prodotta mill-gvernijiet tal-Istati Membri, mis-settur pubbliku u l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni jikkostitwixxu ġabra ta' riżorsi vasta, diversa u prezzjuża li tista' tkun ta' benefiċċju għall-ekonomija tal-għarfien.

Emenda 3

Proposta għal direttiva Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2) Il-politiki tad-dejta miftuħa li jinkoraġġixxu d-disponibbiltà wiesgħa u l-użu mill-ġdid mifrux tal-informazzjoni tas-settur pubbliku għal finijiet privati jew kummerċjali, bl-ebda restrizzjoni legali, *tekniċi* jew *finanzjarji* jew b'restrizzjonijiet minimi, jistgħu jiżvolgħu rwol importanti fit-tqabbid tal-iżvilupp ta' servizzi ġodda msejsa fuq mezzi ġodda biex tiġi

(2) Il-politiki tad-dejta miftuħa li jinkoraġġixxu d-disponibbiltà wiesgħa u l-użu mill-ġdid mifrux tal-informazzjoni tas-settur pubbliku għal finijiet privati jew kummerċjali, bl-ebda restrizzjoni legali, *teknika* jew *finanzjarja* jew b'restrizzjonijiet minimi, ***u li jippromwovu t-tixrid tal-informazzjoni mhux biss għall-operaturi ekonomiċi iżda wkoll għall-***

kkombinata u użata l-informazzjoni msemmija. Madankollu, dan ikun jirrikjedi kundizzjonijiet indaqs fuq il-livell tal-Unjoni fir-rigward tad-deċiżjoni dwar l-awtorizzazzjoni tal-użu mill-ġdid ta' dokumenti, u dawn il-kundizzjonijiet indaqs ma jistgħux jinkisbu billi jitħallew f'idejn ir-regoli u l-*prattiċi* differenti tal-Istati Membri, jew tal-entitajiet pubbliċi kkonċernati.

membri tal-pubbliku u l-moviment liberu tal-persuni fi ħdan l-Unjoni, filwaqt li f'kull każ jitqiesu kif jixraq id-drittijiet fundamentali, jistgħu jiżvolgħu rwol importanti fit-tqabbid tal-iżvilupp ta' servizzi ġodda msejsa fuq mezzu ġodda biex tiġi kkombinata u użata l-informazzjoni msemmija, *jstimolaw it-tkabbir ekonomiku u jippromwovu l-impenn soċjali*. Madankollu, dan ikun jirrikjedi kundizzjonijiet indaqs fuq il-livell tal-Unjoni fir-rigward tad-deċiżjoni dwar l-awtorizzazzjoni tal-użu mill-ġdid ta' dokumenti, u dawn il-kundizzjonijiet indaqs ma jistgħux jinkisbu billi jitħallew f'idejn ir-regoli u l-*prattiki* differenti tal-Istati Membri, jew tal-entitajiet pubbliċi kkonċernati.

Emenda 4

Proposta għal direttiva Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) L-awtorizzazzjoni tal-użu mill-ġdid *tad-dokumenti* miżmuma minn entità tas-settur pubbliku żżid il-valur għal min juża mill-ġdid l-informazzjoni, għall-utenti aħħarija **u** għas-soċjetà b'mod ġenerali, u *f'ħafna każijiet*, għall-entità pubblika nfisha, billi l-utenti mill-ġdid u l-utenti aħħarija jibagħtu l-kummenti tagħhom bil-għan li min iżomm l-informazzjoni miġbura *ikun* jista' jtejjeb il-kwalità tagħha.

Emenda

(3) L-awtorizzazzjoni tal-użu mill-ġdid *tad-dejta u d-dokumenti* miżmuma minn entità tas-settur pubbliku żżid il-valur għal min juża mill-ġdid l-informazzjoni, għall-utenti aħħarija, għas-soċjetà b'mod ġenerali, u għall-entità pubblika nfisha, billi *tippromwovi t-trasparenza u* billi l-utenti mill-ġdid u l-utenti aħħarija jibagħtu l-kummenti tagħhom bil-għan li min iżomm l-informazzjoni miġbura *jkun* jista' jtejjeb il-kwalità tagħha.

Emenda 5

Proposta għal direttiva Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) Id-Direttiva 2003/98/KE ma *fih*ex

Emenda

(6) Id-Direttiva 2003/98/KE ma

obbligu li ***jiġi awtorizzat*** l-użu mill-ġdid ***ta' dokumenti***. Id-deċiżjoni dwar jekk l-użu mill-ġdid jiġix awtorizzat jew le tibqa' f'idejn l-Istati Membri jew l-entità tas-settur pubbliku kkonċernata. Fl-istess nifs, id-Direttiva tibni fuq regoli nazzjonali dwar l-aċċess għad-dokumenti. Ċerti Stati Membri rabtu espressament id-dritt tal-użu mill-ġdid ma' dan id-dritt ta' aċċess, ***b'mod li d-dokumenti kollha ġeneralment aċċessibbli jistgħu jintużaw mill-ġdid. Fi Stati Membri oħra, ir-rabta bejn iż-żewġ settijiet ta' regoli hija inqas ċara, u dan huwa sors ta' inċertezza.***

tiġġustifikax obbligu ***għall-Istati Membri li jawtorizzaw l-aċċess għad-dokumenti tas-settur pubbliku u l-użu mill-ġdid tagħhom***. Id-deċiżjoni dwar jekk l-użu mill-ġdid jiġix awtorizzat jew le tibqa' f'idejn l-Istati Membri jew l-entità tas-settur pubbliku kkonċernata. ***Dik id-Direttiva sempliċement tarmonizza l-kundizzjonijiet dwar kif id-dokumenti għandhom ikunu disponibbli għall-użu mill-ġdid.*** Fl-istess nifs, id-Direttiva tibni fuq regoli nazzjonali dwar l-aċċess għad-dokumenti. Ċerti Stati Membri rabtu espressament id-dritt tal-użu mill-ġdid ma' dan id-dritt ta' aċċess, ***filwaqt li xi Stati Membri oħra għamlu distinzjoni legali bejn id-dritt għall-użu mill-ġdid u r-regoli nazzjonali dwar l-aċċess għall-informazzjoni u l-libertà ta' informazzjoni.***

Emenda 6

Proposta għal direttiva Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6a) L-obbligu sabiex id-dokumenti ġeneralment disponibbli kollha jsiru utiżzabbli mill-ġdid u sabiex jingħata permess għall-użu mill-ġdid ta' dokumenti li l-aċċess għalihom mhuwiex ristrett minħabba reġimi tal-aċċess fl-Istati Membri għandu jiġi żgurat fl-ambitu tar-rispett għall-prinċipju tas-sussidjarjetà u l-garanzija tal-protezzjoni tal-privatezza u tad-dejta personali fil-livell tal-Unjoni, b'rispett għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-dejta u f'konformità sħiħa magħha, inkluż f'użu mill-ġdid transkonfinali tad-dejta.

Emenda 7

Proposta għal direttiva Premessa 6b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6b) Ir-regolamenti nazzjonali dwar l-aċċess għad-dokumenti pubbliċi huma bbażati fuq it-trasparenza u l-libertà tal-informazzjoni. Madankollu f'xi każijiet, dan id-dritt jiġi limitat, pereżempju għal dawk li għandhom interess speċjali f'dawn id-dokumenti jew f'każijiet meta d-dokumenti jkunu jinkludu informazzjoni sensittiva, relatata pereżempju mas-sigurtà nazzjonali jew pubblika.

Emenda 8

**Proposta għal direttiva
Premessa 6c (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6c) Id-Direttiva 2003/98/KE ma tistabilixxix obbligu għall-Istati Membri li jagħmlu materjal analogu disponibbli f'format diġitali jew li jagħmluh aċċessibbli f'format miftuħ. L-entitajiet tas-settur pubbliku jistgħu jiddeċiedu huma stess meta d-dejta ssir diġitali u taħt liema kundizzjonijiet.

Emenda 9

**Proposta għal direttiva
Premessa 6d (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6d) Id-Direttiva 2003/98/KE tapplika għal dawk id-dokumenti li l-provvista tagħhom hija parti mill-kompitu pubbliku tal-entitajiet tas-settur pubbliku kkonċernati, kif definit mil-liġi jew minn regoli vinkolanti oħra tal-Istat Membru inkwistjoni. Dan il-kompitu pubbliku għandu jkun jista' jiġi definit għall-entitajiet ikkonċernati jew b'mod ġenerali

Emenda 10

Proposta għal direttiva Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Għaldaqstant, id-Direttiva 2003/98/KE għandha tistipula l-obbligu **ċar** li ***l-Istati Membri joffru*** d-dokumenti kollha ġeneralment disponibbli ***għall-użu*** mill-ġdid ***tagħhom***. Billi dan jikkostitwixxi limitazzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali tal-awturi tad-dokumenti, l-ambitu ta' tali rabta bejn id-dritt tal-aċċess u d-dritt tal-użu mill-ġdid għandu jitqassar biex *ikopru* biss dak li hu strettament meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet imfittxija minn din l-introduzzjoni. F'dan ir-rigward, fid-dawl tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u tal-obbligi internazzjonali tal-Istati Membri u tal-Unjoni, speċifikament skont il-Konvenzjoni ta' Bern għall-Protezzjoni tax-Xogħlijiet Letterarji u Artistiċi u l-Ftehim dwar l-Aspetti Marbutin mal-Kummerċ tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettuali (il-Ftehim TRIPS), id-dokumenti li partijiet terzi jżommu drittijiet tal-proprjetà intellettuali fuqhom għandhom jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/98/KE. Fil-każ li parti terza kienet is-sid inizjali ta' dokument miżmum minn libreriji (inklużi *l-librerija* universitarji), mużewijiet jew arkivji, li jkun għadu protett bid-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, għall-finijiet ta' din id-Direttiva, dak id-dokument għandu jitqies li partijiet terzi jżommu drittijiet tal-proprjetà intellettuali fuqu.

Emenda

(7) Għaldaqstant, id-Direttiva 2003/98/KE għandha tistipula l-obbligu ***ġenerali għall-Istati Membri, filwaqt li jiġi rrispettat il-prinċipju tas-sussidjarjetà, li jipprevedu*** li d-dokumenti kollha ġeneralment disponibbli ***jkunu jistgħu jintużaw*** mill-ġdid ***u li d-dokumenti futuri kollha ta' din ix-xorta jkunu ġġenerati bil-ħsieb li jkunu jistgħu jintużaw mill-ġdid***. Billi dan jikkostitwixxi limitazzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali tal-awturi tad-dokumenti, l-ambitu ta' tali rabta bejn id-dritt tal-aċċess u d-dritt tal-użu mill-ġdid għandu jitqassar biex *ikopri* biss dak li hu strettament meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet imfittxija minn din l-introduzzjoni. F'dan ir-rigward, fid-dawl tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u tal-obbligi internazzjonali tal-Istati Membri u tal-Unjoni, speċifikament skont il-Konvenzjoni ta' Bern għall-Protezzjoni tax-Xogħlijiet Letterarji u Artistiċi u l-Ftehim dwar l-Aspetti Marbutin mal-Kummerċ tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettuali (il-Ftehim TRIPS), id-dokumenti li partijiet terzi jżommu drittijiet tal-proprjetà intellettuali fuqhom għandhom jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/98/KE. Fil-każ li parti terza kienet is-sid inizjali ta' dokument miżmum minn libreriji (inklużi *l-libreriji* universitarji), mużewijiet jew arkivji, li jkun għadu protett bid-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, għall-finijiet ta' din id-Direttiva, dak id-dokument għandu jitqies li partijiet terzi jżommu drittijiet tal-proprjetà intellettuali fuqu.

Emenda 11

Proposta għal direttiva Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(7a) Id-dokumenti li għalihom id-drittijiet ta' proprjetà intelletwali jkunu skadew u li konsegwentement jidħlu fl-isfera pubblika jikkostitwixxu parti importanti ħafna tal-kollezzjonijiet tal-libreriji, l-arkivji u l-mużewijiet, u għandhom jingħataw prijorità f'kampanji ta' diġitalizzazzjoni; għaldaqstant ikun opportun li jkun żgurat li tali diġitalizzazzjoni ma tibdilx l-istatus legali tagħhom. L-aċċess għal din id-dejta u l-użu mill-ġdid tagħha għandhom jiġu żgurati sabiex jiġi rispettati id-dritt fundamentali ta' aċċess għall-kultura, l-informazzjoni u l-edukazzjoni.

Emenda 12

Proposta għal direttiva Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9a) L-identifikazzjoni, id-diġitalizzazzjoni u l-preżentazzjoni ta' beni kulturali huma sfidi kbar biex jiġi żgurat l-aċċess ta' kulħadd għall-kultura, l-informazzjoni u l-edukazzjoni. Huwa importanti għalhekk li nagħżlu utilizzazzjoni għaqlija tal-beni kulturali li tiffaċilita l-aċċess tal-pubbliku għall-patrimonju kulturali tagħhom, filwaqt li jitqies il-fatt li l-beni kulturali mhumiex beni ekonomiċi bħall-oħrajn u li għandhom jiġu mħarsa minn kummerċjalizzazzjoni eċċessiva. L-istituzzjonijiet kulturali li huma ttrattati minn din id-Direttiva għandhom jiġu appoġġati mill-awtoritajiet pubbliċi permezz tal-istabbiliment ta' fondi

pubbliċi għad-diġitalizzazzjoni u t-tixrid tad-dejta.

Emenda 13

Proposta għal direttiva Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

(10) Il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva *titwessa'* għal-libreriji (inklużi l-libreriji universitarji), għall-mużewijiet u għall-arkivji. Id-Direttiva ma tapplikax għal istituzzjonijiet kulturali oħrajn, bħal operi, ċentri tal-ballet jew teatri, inklużi l-arkivji li jkunu parti minn dawn l-istituzzjonijiet.

Emenda

(10) Il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva *jitwessa'* għal-libreriji (inklużi l-libreriji universitarji), għall-mużewijiet, ***għall-entitajiet pubbliċi li jmexxu siti arkeoloġiċi u kulturali*** u għall-arkivji, ***filwaqt li titħeġġeġ il-'virtwalizzazzjoni' tas-siti storiċi bil-għan li jiġi ssemplifikat l-aċċess għal dan it-tip ta' informazzjoni.*** Id-Direttiva ma tapplikax għal istituzzjonijiet ***ta' riċerka jew edukattivi jew għal istituzzjonijiet kulturali oħrajn, bħal operi, ċentri tal-ballet jew teatri, inklużi l-arkivji li jkunu parti minn dawn l-istituzzjonijiet, jew għall-entitajiet ta' xandir tas-servizz pubbliku.***

Emenda 14

Proposta għal direttiva Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10a) Peress li l-użu mill-ġdid ta' dokumenti li jinsabu f'libreriji (inklużi l-libreriji universitarji), mużewijiet u arkivji joffri potenzjal soċjali u ekonomiku sostanzjali għall-industriji kulturali u kreattivi, kif ukoll għas-soċjetà permezz tal-estensjoni tal-kollezzjoni tal-Ewropeana, id-diġitalizzazzjoni kontinwa tal-kollezzjonijiet kulturali Ewropej għandha tiġi promossa.

Emenda 15

Proposta għal direttiva Premessa 10b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10b) Fir-rigward tad-deskrizzjoni, id-diġitalizzazzjoni u l-preżentazzjoni ta' kollezzjonijiet kulturali, jeżistu diversi arranġamenti ta' kooperazzjoni bejn libreriji (inklużi l-libreriji universitarji), mużewijiet, arkivji u sħab privati li jinvolvu entitajiet tas-settur pubbliku fl-għoti ta' drittijiet esklussivi ta' aċċess u ta' sfruttar kummerċjali lis-sħab ta' kooperazzjoni. Il-prattika wriet li dawn is-sħubiji pubbliċi-privati jistgħu jiffaċilitaw l-użu sinifikanti tal-kollezzjonijiet kulturali u fl-istess waqt iżidu l-aċċess għall-partrimonju kulturali għall-pubbliku. Għaldaqstant id-Direttiva 2003/98/KE m'għandhiex teskludi l-konklużjoni ta' ftehimiet għall-għoti ta' drittijiet esklussivi. Barra minn hekk l-istituzzjonijiet kulturali għandu jkollhom il-libertà li jagħżlu huma stess is-sħab li jixtiequ jikkooperaw magħhom, b'konformità mal-prinċipji tat-trasparenza u tan-nondiskriminazzjoni.

Emenda 16

Proposta għal direttiva Premessa 10c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10c) L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni għandhom jagħtu eżempju fl-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku, u b'hekk jitransformaw il-ġestjoni tal-informazzjoni fis-settur pubbliku, jipromwovu l-aħjar Prattiki u jiżviluppaw soluzzjonijiet teknoloġiċi innovattivi.

Emenda 17

Proposta għal direttiva Premessa 10d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10d) Ċerta dejta personali li tinsab f'dokumenti tal-arkivji li hija suġġetta għall-projbizzjoni ta' kwalunkwe forma ta' diskriminazzjoni għandha tiġi eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/98/KE jew, fil-każ fejn il-leġiżlazzjoni fis-seħħ timponi l-komunikazzjoni tagħha, għandha ssir anonima jew id-dejta li tirrigwarda lill-persuni għandha tiġi mistura qabel ma tintuża.

Emenda 18

Proposta għal direttiva Premessa 10e (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10e) Id-dejta f'idejn l-istabbilimenti edukattivi u ta' riċerka għandha tibqa' barra l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/98/KE.

Emenda 19

Proposta għal direttiva Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(11) Biex jiġi ffaċilitat l-użu mill-ġdid tal-PSI, l-entitajiet tas-settur pubbliku għandhom iqiegħdu dokumenti għad-dispożizzjoni permezz ta' formati **li jinqraw elettronikament**, u *flimkien* mal-metadejta tagħhom fejn possibbli u xieraq, f'format li jiżgura l-interoperabbiltà eċċ., billi jipproċessawhom b'mod konsistenti

(11) Biex jiġi ffaċilitat l-użu mill-ġdid tal-PSI, l-entitajiet tas-settur pubbliku għandhom iqiegħdu dokumenti għad-dispożizzjoni permezz ta' formati **miftuħa** u *flimkien* mal-metadejta tagħhom fejn possibbli u xieraq, f'format li jiżgura l-interoperabbiltà eċċ., billi jipproċessawhom b'mod konsistenti mal-

mal-prinċipji tar-rekwiżiti ta' kompatibbiltà u użabbiltà għall-informazzjoni spazjali skont id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Infomazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (Inspire).

Emenda 20

Proposta għal direttiva Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

prinċipji tar-rekwiżiti ta' kompatibbiltà u użabbiltà għall-informazzjoni spazjali skont id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Infomazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (Inspire).

Emenda

(11a) Dokument jitqies li jkun f'format li jinqara elettronikament jekk ikun f'format ta' fajl li jkun strukturat b'mod li l-applikazzjonijiet tas-softwer jistgħu faċilment jidentifikaw, jirrikonoxxu u jisiltu dejta ta' interess minnu. Dejta kkodifikata f'fajls li jkollhom struttura li tista' tinqara elettronikament hija dejta li tista' tinqara elettronikament. Formati li jinqraw elettronikament jistgħu jeżistu bħala standards miftuħa formali jew le. L-Istati Membri, fejn xieraq, għandhom jinkoraġġixxu l-użu ta' formati miftuħa li jinqraw elettronikament.

Emenda 21

Proposta għal direttiva Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) Fejn jiġu imposti tariffi għall-użu mill-ġdid ta' dokumenti, fil-prinċipju, għandhom ikunu limitati għall-ispejjeż marġinali mġarrba bir-riproduzzjoni u t-tixrid tagħhom, sakemm ma jkunx iġġustifikat mod ieħor skont l-għan, it-trasparenza jew kriterji li jistgħu jiġi vverifikati. Għandha titqies b'mod partikulari l-hteġa li ma jiffixkilx il-

Emenda

(12) Fejn jiġu imposti tariffi għall-użu mill-ġdid ta' dokumenti, fil-prinċipju, għandhom ikunu limitati għall-ispejjeż marġinali mġarrba bir-riproduzzjoni, ***il-forniment u l-iformattjar, filwaqt li jkunu żgurati l-interoperabilità*** u t-tixrid tagħhom, sakemm ma jkunx iġġustifikat mod ieħor skont l-għan, it-trasparenza jew kriterji li jistgħu jiġi vverifikati.

funzjonament normali ta' dawk *entitajiet* tas-settur pubbliku li jkopru parti sostanzjali tal-ispejjeż tal-operat immissla mill-qadi tal-kompitu pubbliku tagħhom, ***billi jittellef l-isfruttar tad-drittijiet tagħhom tal-proprjetà intellettuali.*** Għandu jkun f'idejn l-entità tas-settur pubbliku li tkun qiegħda timponi tariffa għall-użu mill-ġdid tad-dokumenti, li tagħti evidenza li t-tariffi huma msejsa fuq l-ispejjeż, u li tikkonforma ma' ***limiti*** rilevanti.

Madankollu, għandha titqies b'mod partikulari l-ħtieġa li ma jitfixkilx il-funzjonament normali ta' dawk *l-entitajiet* tas-settur pubbliku li ***huma mitluba*** jkopru parti sostanzjali tal-ispejjeż tal-operat ***tagħhom*** immissla mill-qadi tal-kompitu pubbliku tagħhom ***kif ukoll l-ispejjeż normali tal-ġestjoni ta' libreriji, mużewijiet u arkivji.*** Dawk *l-entitajiet* tas-settur pubbliku għandu jingħatalhom ***permess jimponu tariffi aktar għoljin għall-użu mill-ġdid. Dawn it-tariffi lil hinn minn spejjeż marġinali għandhom ikunu stabbiliti skont kriterji oġġettivi, trasparenti u verifikabbli u d-dħul totali mill-provvista u l-permess tal-użu mill-ġdid ta' dokumenti m'għandux jisboq in-nefqa tal-produzzjoni, ir-riproduzzjoni u t-tixrid, flimkien ma' redditu raġonevoli fuq l-investment.*** Għandu jkun f'idejn l-entità tas-settur pubbliku li tkun qiegħda timponi tariffa għall-użu mill-ġdid tad-dokumenti, li tagħti evidenza li t-tariffi huma msejsa fuq l-ispejjeż, u li tikkonforma ma' ***kriterji*** rilevanti.

Emenda 22
Proposta għal direttiva
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

(13) B'rabta ma' kwalunkwe użu mill-ġdid li jsir mid-dokument, fejn ikun *vjabbli*, l-entitajiet tas-settur pubbliku jistgħu jimponu kundizzjonijiet fuq l-utent mill-ġdid, pereżempju r-rikonossiment tas-sors. Fi kwalunkwe każ, kull liċenzja għall-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku għandha tqiegħed l-inqas restrizzjonijiet possibbli fuq l-użu mill-ġdid tal-PSI. Il-liċenzji miftuħin disponibbli fuq l-internet, li jagħtu drittijiet usa' tal-użu mill-ġdid mingħajr restrizzjonijiet teknoloġiċi, finanzjarji jew ġeografiċi, u li jistrieħu fuq formati ta' dejta miftuħin, ***jistgħu*** jiżvolġu rwol

Emenda

(13) B'rabta ma' kwalunkwe użu mill-ġdid li jsir mid-dokument, fejn ikun *vijabbli*, l-entitajiet tas-settur pubbliku jistgħu jimponu kundizzjonijiet fuq l-utent mill-ġdid, pereżempju r-rikonossiment tas-sors. Fi kwalunkwe każ, kull liċenzja għall-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku għandha tqiegħed l-inqas restrizzjonijiet possibbli fuq l-użu mill-ġdid tal-PSI, ***preferibbilment tillimitahom għal indikazzjoni tas-sors.*** Il-liċenzji miftuħin disponibbli fuq l-internet, li jagħtu drittijiet usa' tal-użu mill-ġdid mingħajr restrizzjonijiet teknoloġiċi, finanzjarji jew ġeografiċi, u li jistrieħu fuq

importanti *wkoll* f'dan ir-rigward. Għaldaqstant, l-Istati Membri għandhom iħeġġu l-użu tal-liċenzji *ta' governanza* miftuħa.

formati ta' dejta miftuħin, *għandhom* jiżvolġu rwol importanti f'dan ir-rigward. Għaldaqstant, l-Istati Membri għandhom iħeġġu l-użu tal-liċenzji miftuħa *li biż-żmien għandhom ikunu standardizzati fl-Unjoni kollha*.

Emenda 23

Proposta għal direttiva Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

(14) L-implimentazzjoni tajba ta' wħud mill-elementi ta' din id-Direttiva, ngħidu aħna l-mezzi ta' rikors, il-konformità mal-prinċipji tat-tariffar, u l-obbligi ta' rappurtar, jeħtieġu *monitoraġġ* minn awtoritajiet indipendenti b'kompetenza fl-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku. Biex tiġi żgurata l-konsistenza fost l-approċċi fuq il-livell tal-Unjoni, għandha titħeġġeġ il-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet indipendenti, b'mod partikulari bl-iskambju ta' tagħrif dwar l-aqwa prassi u l-politiki ta' użu mill-ġdid tad-dejta.

Emenda

(14) L-implimentazzjoni tajba ta' wħud mill-elementi ta' din id-Direttiva, ngħidu aħna l-mezzi ta' rikors, il-konformità mal-prinċipji tat-tariffar, u l-obbligi ta' rappurtar, jeħtieġu *rieżami* minn awtoritajiet b'kompetenza fl-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku. *L-Istati Membri għandhom responsabilità li jaħtru awtoritajiet nazzjonali responsabbli xierqa għal dan ir-rieżami*. Biex tiġi żgurata l-konsistenza fost l-approċċi fuq il-livell tal-Unjoni, għandha titħeġġeġ il-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet indipendenti, b'mod partikulari bl-iskambju ta' tagħrif dwar l-aqwa prassi u l-politiki ta' użu mill-ġdid tad-dejta.

Ġustifikazzjoni

It-twaqqif ta' awtorità regolatorja indipendenti jmur kontra l-isforzi tal-Istati Membri lejn maqqis fil-burokrazija u l-konsolidament tal-baġits u jidħol b'mod superfluwu fuq is-setgħa ta' organizzazzjoni tal-Istati Membri.

Emenda 24

Proposta għal direttiva Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

(15) Billi l-għan ta' din id-Direttiva, speċifikament l-iffaċilitar tal-ħolqien ta'

Emenda

(15) Billi l-għan ta' din id-Direttiva, speċifikament l-iffaċilitar tal-ħolqien ta'

prodotti u servizzi ta' informazzjoni bbażati fuq dokumenti tas-settur pubbliku, l-iżgurar tal-użu transkonfinali effiċjenti tad-dokumenti tas-settur pubbliku mill-kumpaniji privati għal prodotti u servizzi ta' informazzjoni b'valur miżjud, u ***l-limitazzjoni tat-tagħwiġ tal-kompetizzjoni fis-suq tal-Unjoni***, ma jistax jintlaħaq kif xieraq mill-Istati Membri u, għaldaqstant, u fid-dawl tal-ambitu intrinsikament pan-Ewropew tal-azzjoni proposta, jista' jintlaħaq aħjar fuq il-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulata fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità kif stipulat fl-istess Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkisbu dawk il-miri.

Emenda 25

Proposta għal direttiva

Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni

(16) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikoxxonuti partikularment mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, ***inkluż id-dritt*** għall-proprjetà (l-Artikolu 17). Xejn f'din id-Direttiva ma għandu jiġi interpretat jew implimentat b'mod li jkun inkonsistenti mal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

prodotti u servizzi ta' informazzjoni bbażati fuq dokumenti tas-settur pubbliku, l-iżgurar tal-użu transkonfinali effiċjenti tad-dokumenti tas-settur pubbliku ***minn naħa waħda*** mill-kumpaniji privati, ***b'enfasi fuq l-impriżi żgħar u medji***, għal prodotti u servizzi ta' informazzjoni b'valur miżjud, u ***min-naħa l-oħra miċ-ċittadini sabiex jiġi ffaċilitat it-tixrid liberu tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni***, ma jistax jintlaħaq kif xieraq mill-Istati Membri u, għaldaqstant, u fid-dawl tal-ambitu intrinsikament pan-Ewropew tal-azzjoni proposta, jista' jintlaħaq aħjar fuq il-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulata fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità kif stipulat fl-istess Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkisbu dawk il-miri.

Emenda

(16) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikoxxonuti partikularment mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, ***inklużi d-dritt għall-protezzjoni tad-dejta personali fl-aspetti kollha tal-ħajja (Artikolu 8) u d-dritt*** għall-proprjetà (l-Artikolu 17). Xejn f'din id-Direttiva ma għandu jiġi interpretat jew implimentat b'mod li jkun inkonsistenti mal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Emenda 26

Proposta għal direttiva Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni

(17) Jeħtieġ li jiġi żgurat li l-Istati Membri (ara l-premessa 19) jirrappurtaw lill-Kummissjoni rigward l-ammont ta' użu mill-ġdid li jsir mill-informazzjoni tas-settur pubbliku, il-kundizzjonijiet li skonthom issir disponibbli, u l-ħidma ***tal-awtorità indipendenti***. Biex tiġi żgurata l-konsistenza fost l-approċċi fuq il-livell tal-Unjoni, għandha titħeġġeġ il-koordinazzjoni bejn ***l-awtoritajiet indipendenti***, b'mod partikulari bl-iskambju ta' tagħrif dwar l-aqwa prassi u l-politiki ta' użu mill-ġdid tad-dejta.

Emenda

(17) Jeħtieġ li jiġi żgurat li l-Istati Membri (ara l-premessa 19) jirrappurtaw lill-Kummissjoni rigward l-ammont ta' użu mill-ġdid li jsir mill-informazzjoni tas-settur pubbliku, il-kundizzjonijiet li skonthom issir disponibbli, u l-ħidma ***tal-entità imparzjali kompetenti sabiex timmonitorja l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku***. Biex tiġi żgurata l-konsistenza fost l-approċċi fuq il-livell tal-Unjoni, għandha titħeġġeġ il-koordinazzjoni bejn ***l-entitajiet imparzjali***, b'mod partikulari bl-iskambju ta' tagħrif dwar l-aqwa prassi u l-politiki ta' użu mill-ġdid tad-dejta.

Emenda 27

Proposta għal direttiva Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni

(18) Il-Kummissjoni għandha tgħin lill-Istati Membri jimplimentaw id-Direttiva b'mod konsistenti billi ***tkun ta'*** gwida, partikularment fejn jidħlu t-tariffi u l-kalkolu tal-ispejjeż, il-kundizzjonijiet rakkomandati tal-liċenzjar, u l-formati tad-dejta, wara li tkun ***ikkonsultata*** mal-partijiet interessati.

Emenda

(18) Il-Kummissjoni għandha tgħin lill-Istati Membri jimplimentaw id-Direttiva b'mod konsistenti billi ***tagħmel proposti u tagħti*** gwida ***mhux vinkolanti***, partikularment fejn jidħlu t-tariffi u l-kalkolu tal-ispejjeż, il-kundizzjonijiet rakkomandati tal-liċenzjar, u l-formati tad-dejta, wara li tkun ***ikkonsultat*** mal-partijiet interessati. ***Għaldaqstant, l-iskambju transkonfinali tal-aħjar Prattiki u tal-għarfien bejn il-partijiet interessati, il-korpi pubbliċi u r-regolaturi għandu jkun promoss mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri.***

Emenda 28

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt 1 – punt 1a (ġdid)
Direttiva 2003/98/KE
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1a) Fil-paragrafu 2, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġejj:

"(b) dokumenti li għalihom partijiet terzi jkollhom drittijiet tal-proprjetà intellettwali, inklużi dokumenti li jinżammu minn liberija universitarja li fil-konfront tagħhom l-università għandha drittijiet ta' proprjetà intellettwali;".

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hi maħsuba biex tiċċara li d-Direttiva ma tapplikax għal dokumenti li qed jinżammu minn librerija li tiffirma parti minn università li jkollha drittijiet ta' proprjetà intellettwali (DPI) fid-dokument. Università u l-libreriji tagħha jistgħu jikkostitwixxu entità legali unika. Mingħajr emenda, l-esklużjoni ta' dokumenti suġġetti għal DPI ta' parti terza ma tkunx tapplika fil-każ fejn librerija jkollha d-dokument imma d-DPI huma miżmuma mill-università billi l-università ma tkunx parti (terza) separata.

Emenda 29
Proposta għal direttiva
Artikolu 1 - punt 1 - punt 1b (ġdid)
Direttiva 2003/98/KE
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1b) Fil-paragrafu 2, il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġejj:

"(c) dokumenti li huma esklużi mill-aċċess minħabba r-reġimi ta' aċċess fl-Istati Membri, inkluż minħabba raġunijiet ta':

- protezzjoni tas-sigurtà nazzjonali (jiġifieri s-sigurtà tal-Istat), id-difiża jew is-sigurtà pubblika,

- kunfidenzjalità tal-istatistika jew dik kummerċjali;

- protezzjoni tal-privatezza u tad-dejta personali;".

Emenda 30

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 1 – punt 2

Direttiva 2003/98/KE

Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

“(e) "(e) id-dokumenti miżmuma minn stabbilimenti tat-tagħlim jew tar-riċerka, **bħal faċilitajiet għar-riċerka**, inklużi, **fejn relevanti**, organizzazzjonijiet imwaqqfa għat-trasferiment ta' riżultati tar-riċerka, skejjel u universitajiet (għajr il-libreriji universitarji fir-rigward ta' dokumenti li ma jkunux ta' riċerka u protetti minn drittijiet tal-proprjetà intellettuali ta' partijiet terzi) u;"

Emenda

“(e) id-dokumenti miżmuma minn stabbilimenti tat-tagħlim jew tar-riċerka, inklużi organizzazzjonijiet imwaqqfa għat-trasferiment ta' riżultati tar-riċerka, skejjel u universitajiet (għajr il-libreriji universitarji fir-rigward ta' dokumenti li ma jkunux ta' riċerka u protetti minn drittijiet tal-proprjetà intellettuali ta' partijiet terzi) u;"

Emenda 31

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 1 – punt 2a (ġdid)

Direttiva 2003/98/KE

Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

“(ea) id-dokumenti miżmuma minn stabbilimenti kulturali li jżommu materjal ta' natura reliġjuża partikolarment sensittiva jew għarfien tradizzjonali se jkun jistgħu jitrattaw l-użu mill-ġdid u;"

Emenda

(2a) Fil-paragrafu 2, il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt (e):

"(ea) dokumenti miżmuma minn arkivji, mużewijiet jew libreriji (inklużi l-libreriji universitarji) ta' natura reliġjuża partikolarment sensittiva jew li jinvolvu għarfien tradizzjonali;"

Ġustifikazzjoni

Għandu jkun żgurat li l-istabbilimenti kulturali li jżommu materjal ta' natura reliġjuża partikolarment sensittiva jew għarfien tradizzjonali se jkun jistgħu jitrattaw l-użu mill-ġdid

ta' dan it-tip ta' materjal b'mod etiku.

Emenda 32

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt 1 – punt 3a (ġdid)
Direttiva 2003/98/KE
Artikolu 1 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3a) Il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Din id-Direttiva tibbaża fuq ir-reġimi ta' aċċess fl-Istati Membri u hija mingħajr preġudizzju għalihom."

Emenda 33

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt 1 – punt 5a (ġdid)
Direttiva 2003/98/KE
Artikolu 1 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5a) Il-paragrafu li ġej jiżdied wara l-paragrafu 5:

"5a. L-entitajiet pubbliċi għandhom jiżguraw li l-aċċess u l-użu mill-ġdid ta' informazzjoni tas-settur pubbliku jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-dejta tal-Unjoni."

Emenda 34

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt 2
Direttiva 2003/98/KE
Artikolu 2 – punt 6

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6) "li jinqara elettronikament" tfisser li dokumenti diġitali jkunu strutturati b'mod **xieraq biex** applikazzjonijiet tas-softwer

(6) "li jinqara elettronikament" tfisser li dokumenti diġitali jkunu strukturati b'mod **li** applikazzjonijiet tas-softwer ikunu

ikunu jistgħu jidentifikaw b'mod affidabbli dikjarazzjonijiet individwali ta' fatt u l-istruttura interna tagħhom."

jistgħu, *f'format miftuħ*, jidentifikaw, *jirrikonoxxu u jiksbu faċilment u* b'mod affidabbli dikjarazzjonijiet individwali ta' fatt u l-istruttura interna tagħhom."

Emenda 35

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 2a (ġdid)

Direttiva 2003/98/KE

Artikolu 2 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Il-paragrafu li ġej jiżdied mal-Artikolu 2:

"6a. 'anonimità' tfisser it-twettiq tal-proċeduri neċessarji sabiex dejta personali titħassar, tiġi mistura jew ma tkunx tista' tinqara."

Emenda 36

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 2b (ġdid)

Direttiva 2003/98/KE

Artikolu 2 – paragrafu 6b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2b. Il-paragrafu li ġej jiżdied mal-Artikolu 2:

"6b. "standard formali" tfisser standard li ġie kkodifikat f'forma miktuba, b'dettalji speċifiċi għar-rekwiżiti dwar kif is-softwer isir interoperabbli għall-ġestjoni tal-fajls."

Emenda 37

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 2c (ġdid)

Direttiva 2003/98/KE

Artikolu 2 – paragrafu 6c (ġdid)

2c. Il-paragrafu li ġej jiżdied mal-Artikolu 2:

"6c. "format miftuħ" tfisser format li jkun indipendenti minn pjattaforma, jinqara elettronikament u disponibbli għall-pubbliku mingħajr restrizzjonijiet legali, tekniċi jew finanzjarji li jimpedixxu l-użu mill-ġdid ta' dik l-informazzjoni".

Emenda 38

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 3

Direttiva 2003/98/KE

Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) Soġġett għall-paragrafu (2), l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dokumenti msemmija fl-Artikolu 1 ikunu jistgħu jintużaw mill-ġdid għal finijiet kummerċjali u mhux kummerċjali, skont il-kundizzjonijiet stipulati fil-Kapitoli III u IV.

Emenda

(1) Soġġett għall-paragrafu (2), l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dokumenti ***tal-entitajiet tas-settur pubbliku*** msemmija fl-Artikolu 1 ikunu jistgħu jintużaw mill-ġdid għal finijiet kummerċjali u mhux kummerċjali, skont il-kundizzjonijiet stipulati fil-Kapitoli III u IV, ***bil-kundizzjoni li skont ir-regolamenti eżistenti tal-Istati Membri dwar l-aċċess għall-informazzjoni tas-settur pubbliku, dawn huma dokumenti kklassifikati bħala aċċessibbli. Fejn possibbli, dawn id-dokumenti għandhom jinxterdu f'format miftuħ li jinqara elettronikament.***

Emenda 39

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 3

Direttiva 2003/98/KE

Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) Għad-dokumenti li l-libreriji (inklużi l-libreriji universitarji), il-mużewijiet u l-arkivji jkollhom id-drittijiet tal-proprjetà intellettuali tagħhom, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fejn ikun permess l-użu mill-ġdid tad-dokumenti, id-dokumenti jkunu jistgħu jintużaw għal finijiet kummerċjali u mhux kummerċjali, skont il-kundizzjonijiet stipulati fil-Kapitoli III u IV.

Emenda 40

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 4 – punt -1 (ġdid)

Direttiva 2003/98/KE

Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2) Għad-dokumenti li l-libreriji (inklużi l-libreriji universitarji), il-mużewijiet u l-arkivji jkollhom id-drittijiet tal-proprjetà intellettuali tagħhom, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fejn ikun permess l-użu mill-ġdid tad-dokumenti, id-dokumenti jkunu jistgħu jintużaw għal finijiet kummerċjali u mhux kummerċjali, skont il-kundizzjonijiet stipulati fil-Kapitoli III u IV, ***bil-kundizzjoni li skont ir-regolamenti eżistenti tal-Istati Membri dwar l-aċċess għall-informazzjoni tas-settur pubbliku, dawn huma dokumenti kklassifikati bħala aċċessibbli. Fejn possibbli, dawn id-dokumenti għandhom jinxterdu f'format miftuħ.***

Emenda

(-1) Il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(1) L-entitajiet tas-settur pubbliku għandhom jiproċessaw it-talbiet għall-użu mill-ġdid permezz ta' mezzi elettroniċi. Huma għandhom jagħmlu, permezz ta' mezzi elettroniċi, fejn ikun possibbli u xieraq, id-dokument disponibbli għall-użu mill-ġdid lill-applikant jew, jekk tinħtieġ liċenzja, jiffinalizzaw l-offerta tal-liċenzja lill-applikant fi żmien raġonevoli li huwa konsistenti mal-perjodi ta' żmien stabbiliti għall-ipproċessar tat-talbiet għall-aċċess għad-dokumenti.

Emenda 41

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 4 – punt -2

Direttiva 2003/98/KE

Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

(2) Fi tmiem il-paragrafu 4, tiżdied is-sentenza li ġejja:

"Il-miżuri ta' rikors għandhom jinkludu l-possibbiltà ta' reviżjoni ***minn awtorità indipendenti*** li ***tingħata setgħat regolatorji speċifiċi fir-rigward tal-użu*** mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku, u li d-deċiżjonijiet tagħha jkunu vinkolanti għall-entità tas-settur pubbliku kkonċernata."

Emenda 42

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 4 – punt 2a (ġdid)

Direttiva 2003/98/KE

Artikolu 4 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2) Fi tmiem il-paragrafu 4, tiżdied is-sentenza li ġejja:

"Il-miżuri ta' rikors għandhom jinkludu l-possibbiltà ta' reviżjoni ***mill-entità imparzjali rispettiva fl-Istat Membru*** li ***tirregola l-użu*** mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku, u li d-deċiżjonijiet tagħha jkunu vinkolanti għall-entità tas-settur pubbliku kkonċernata."

(2a) Il-paragrafu li ġej jiżdied mal-Artikolu 4:

(5a) Din id-Direttiva hija konformi bis-sih mal-liġi applikabbli dwar il-protezzjoni tad-dejta. Jekk dejta pubblika li ssir disponibbli għall-użu mill-ġdid tikkonċerna dejta personali, għandhom ikunu speċifikati l-kundizzjonijiet u s-salvagwardji speċifiċi għall-protezzjoni tad-dejta li skonthom se jkun permissibbli l-użu mill-ġdid, jekk prattikabbli permezz ta' liċenzja. Dik il-valutazzjoni għandha tiżgura li jkun hemm bażi legali adegwata għat-trasferiment u l-użu mill-ġdid tad-dejta skont il-liġi nazzjonali, li l-użu mill-ġdid ikun disponibbli biss għal għan kompatibbli u li l-applikanti u l-utenti sussegwenti jintalbu jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet l-oħra kollha tal-liġi

applikabbli dwar il-protezzjoni tad-dejta. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja mill-qrib l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva sabiex din ma tiksirx il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għall-protezzjoni tad-dejta.

Emenda 43

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 5

Direttiva 2003/98/KE

Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) Fil-paragrafu 1, il-kliem "b'mod elettroniku" jinbidel bil-kliem "f'format li jinqara elettronikament, flimkien mal-metadejta korrispondenti."

Emenda

(1) Il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(1) L-entitajiet tas-settur pubbliku għandhom jagħmlu d-dokumenti tagħhom disponibbli fi kwalunkwe format jew lingwa eżistenti qabel u, fejn possibbli u xieraq, f'format miftuħ li jinqara elettronikament, flimkien mal-metadejta korrispondenti, li t-tnejn għandhom kemm jista' jkun jikkonformaw ma' standards formali u miftuħa. Id-dokumenti li jinħolqu wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva għandhom fil-prinċipju jsiru disponibbli f'format li jinqara elettronikament. Dan m'għandux jimplika obbligu għal adattament fil-każ fejn l-adattament ta' dokumenti eżistenti, inkluż il-forniment ta' estratti, ikun jinvolvi sforz sproporzjonat, skont kriterji trasparenti, oġġettivi u verifikabbli."

Emenda 44

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 6 – punt 1

Direttiva 2003/98/KE

Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Fejn jiġu imposti tariffi għall-użu mill-

Emenda

1. Fejn jiġu imposti tariffi għall-użu mill-

għdid tad-dokumenti, l-ammont totali impost mill-entitajiet tas-settur pubbliku għandu jkun limitat għall-ispejjeż marġinali mġarrba bir-riproduzzjoni u t-tixrid."

Emenda 45

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 6 – punt 1

Direttiva 2003/98/KE

Artikolu 6 – paragrafi 2 u 3

Test propost mill-Kummissjoni

2. F'każijiet eċċezzjonali, partikularment fejn l-entitajiet tas-settur pubbliku jiġġeneraw parti sostanzjali mill-ispejjeż tal-operat tagħhom, marbutin mal-qadi tal-kompiti ta' servizz pubbliku tagħhom, mill-isfruttar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali tagħhom, l-entitajiet tas-settur pubbliku jistgħu jitħallew jimponu tariffi għall-użu mill-għdid tad-dokumenti 'l fuq mill-ispejjeż marġinali, skont l-għan, it-trasparenza u kriterji verifikabbli, sakemm dan ikun fl-interess pubbliku u soġġett għall-approvazzjoni tal-entità imparzjali msemmija fl-Artikolu 4(4), u mingħajr ħsara għall-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-Artikolu.

għdid tad-dokumenti, l-ammont totali impost mill-entitajiet tas-settur pubbliku għandu jkun limitat għall-ispejjeż marġinali mġarrba bir-riproduzzjoni, *il-forniment* u t-tixrid."

Emenda

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal dawn li ġejjin:

(a) entitajiet tas-settur pubbliku li huma mitluba jiġġeneraw dħul biex ikopru parti sostanzjali mill-ispejjeż tal-produzzjoni, ir-riproduzzjoni u t-tixrid tad-dokumenti;

(b) libreriji (inklużi l-libreriji universitarji), mużewijiet u arkivji.

Dawn l-eċċezzjonijiet jistgħu jsiru bil-kundizzjoni li dan isir fl-interess pubbliku u skont kriterji oġġettivi, trasparenti u verifikabbli, u mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.

3. Minkejja l-paragrafi 1 u 2, il-libreriji (inklużi l-libreriji universitarji), il-mużewijiet u l-arkivji jistgħu jimponu tariffi 'l fuq mill-ispejjeż marġinali għall-użu mill-ġdid tad-dokumenti li jaħżnu."

3. It-tariffi imposti lil hinn mill-ispejjeż marġinali tal-entitajiet imsemmija fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 2 huma suġġetti għal rieżami min-naħa ta' entità imparzjali kif imsemmi fl-Artikolu 4(4).

Emenda 46

**Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt 6 – punt 2a (ġdid)
Direttiva 2003/98/KE
Artikolu 6 – paragrafu 4a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2a) Il-paragrafu li ġej jiżdied mal-Artikolu 6:

"4a. L-Istati Membri għandhom jaħtru l-entità jew l-entitajiet xierqa, għajr l-entità tas-settur pubbliku nnifisha, kompetenti sabiex jistabbilixxu l-kriterji għall-ħlasijiet 'il fuq mill-ispejjeż marġinali kif stabbilit fil-paragrafu 4."

Emenda 47

**Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt 6 – punt 3
Direttiva 2003/98/KE
Artikolu 6 – paragrafu 5**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3) Jiddaħħal il-paragrafu 5 ġdid:

imħassar

"Jibqa' f'idejn l-entità tas-settur pubbliku li tkun qiegħda timponi tariffi għall-użu mill-ġdid, li tagħti evidenza li t-tariffi jikkonformaw ma' dan l-Artikolu."

Emenda 48

**Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt 7**

Direttiva 2003/98/KE
Artikolu 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Fl-Artikolu 7 (*It-trasparenza*), *jiddaħħal il-kliem "l fuq mill-ispejjeż marġinali jew" wara l-kliem "il-kalkolu tat-tariffi"*.

Emenda

(7) Fl-Artikolu 7, *it-tielet sentenza hija sostitwita b'dan li ġejj:*

"Is-settur pubbliku inkwistjoni għandu jindika wkoll liema fatturi għandhom jiġu kkunsidrati fil-kalkolu tat-tariffi kif imsemmi fl-Artikolu 6."

Emenda 49

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt 8 – punt 1
Direttiva 2003/98/KE
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

"L-entitajiet tas-settur pubbliku jistgħu jippermettu l-użu mill-ġdid mingħajr kundizzjonijiet, jew jistgħu *jimponi* kundizzjonijiet, *bħall-indikazzjoni tas-sors*, fejn xieraq permezz ta' liċenzja. Dawn il-kundizzjonijiet ma għandhomx jirrestrinġu bla bżonn il-possibbiltajiet għall-użu mill-ġdid, u ma għandhomx jintużaw biex jirrestrinġu l-kompetizzjoni."

Emenda

"1. L-entitajiet tas-settur pubbliku jistgħu jippermettu l-użu mill-ġdid ta' dokumenti mingħajr kundizzjonijiet, jew jistgħu *jimponu* kundizzjonijiet, fejn xieraq permezz ta' liċenzja *li tittrezza kwistjonijiet rilevanti*. Dawn il-kundizzjonijiet ma għandhomx jirrestrinġu għal xejn il-possibbiltajiet għall-użu mill-ġdid u ma għandhomx jintużaw biex jirrestrinġu l-kompetizzjoni."

Emenda 50

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt 9
Direttiva 2003/98/KE
Artikolu 9

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom *jiżguraw li jkun implimentati* arranġamenti prattiċi li jiffaċilitaw it-tiftix, b'isna differenti, għad-

Emenda

L-Istati Membri għandhom *jagħmlu* arranġamenti prattiċi li jiffaċilitaw it-tiftix, b'isna differenti, għad-dokumenti

dokumenti disponibbli għall-użu mill-ġdid, bħal listi ta' dokumenti ewlenin bil-metadejta rilevanti, preferibbilment aċċessibbli fuq l-internet u f'format li jinqara elettronikament, u siti u portali li jkollhom ħolqa għal listi deċentralizzati ta' assi."

disponibbli għall-użu mill-ġdid, bħal listi ta' dokumenti ewlenin bil-metadejta rilevanti, preferibbilment aċċessibbli fuq l-internet u f'format *miftuħ u* li jinqara elettronikament, u siti u portali li jkollhom ħolqa għal listi deċentralizzati ta' assi.

Dan m'għandux jimplika xi obbligu għall-korpi tas-settur pubbliku li joħolqu jew jadattaw dokumenti sabiex jikkonformaw mat-talba, u lanqas ma għandu jimplika xi obbligu li jiġu pprovduti estratti minn dokumenti fejn dan ikun jinvolvi sforz sproporzjonat, li jmur lil hinn minn operazzjoni sempliċi.

Emenda 51

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt 9a (ġdid)
Direttiva 2003/98/KE
Artikolu 9a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

9a. Qed jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 9a

Sabiex tikkontribwixxi lejn implimentazzjoni konsistenti ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni tista' tadotta linji gwida b'lista ta' ġabriet tad-dejta rakkomandati u disponibbli għall-użu mill-ġdid."

Emenda 52

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt 9b (ġdid)
Direttiva 2003/98/KE
Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

9b. L-Artikolu 11(2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Iżda, fejn dritt esklussiv ikun meħtieġ għall-provvista ta' servizz fl-interess pubbliku, il-validità **tal-arranġament għal drittijiet esklussivi** għandha tkun suġġetta għal reviżjoni regolari **mill-awtorità msemmija f'Artikolu 4(4)**, u għandha, f'kull każ, tiġi riveduta kull tlett snin. L-arranġamenti esklussivi stabbiliti wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva għandhom ikunu trasparenti u magħmula pubbliċi **min-naħa tal-entitajiet tas-settur pubbliku kkonċernati.**"

Emenda 53

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt 9c (ġdid)
Direttiva 2003/98/KE
Artikolu 11 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

9c. Il-paragrafu li ġej jiżdied mal-Artikolu 11:

"2a. Fil-każ fejn sabiex riżorsi kulturali jsiru diġitali huwa meħtieġ dritt esklussiv li jagħti kundizzjonijiet għal sfruttament kummerċjali preferenzjali, tali sfruttament preferenzjali m'għandux jaqbeż seba' snin b'mod ġenerali. Dawn l-arranġamenti esklussivi stabbiliti wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva għandhom ikunu trasparenti u magħmula pubbliċi. Fil-każ fejn sabiex riżorsi kulturali jsiru diġitali huwa meħtieġ dritt esklussiv li jagħti sfruttament kummerċjali preferenzjali, l-entità tas-settur pubbliku kkonċernata għandha tingħata kopja mingħajr ħlas tar-riżorsi kulturali diġitalizzati bħala parti minn dak il-ftehim. Irrispettivament minn kull kundizzjoni kuntrattwali li tmur kontra dan, sa tmiem il-perjodu ta' esklussività kull kopja diġitali għandha ssir disponibbli mill-istituzzjoni kulturali għall-użu mill-ġdid min-naħa tal-

pubbliku."

Emenda 54

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 10

Direttiva 2003/98/KE

Artikolu 11 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

(10) Fl-Artikolu 11 (il-projbizzjoni tal-arranġamenti esklussivi), tiżdied is-sentenza li ġejja fi tmiem il-paragrafu 3:

"Madankollu, arranġamenti ta' dan it-tip li jinvolvu l-istabbilimenti kulturali u l-libreriji tal-università għandhom jintemmu fi tmiem il-kuntratt, jew f'kull każ mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 20XX [sitt snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]."

Emenda

(10) Fl-Artikolu 11 (il-projbizzjoni tal-arranġamenti esklussivi), tiżdied is-sentenza li ġejja fi tmiem il-paragrafu 3:

"Arranġamenti eżistenti li jinvolvu libreriji (inklużi l-libreriji universitarji), mużewijiet u arkivji għandhom jintemmu fi tmiem il-kuntratt".

Emenda 55

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 12

Direttiva 2003/98/KE

Artikolu 13 – paragrafi 1 u 2a (ġodda)

Test propost mill-Kummissjoni

(12) Fl-Artikolu 13 (Reviżjoni), id-data tal-1 ta' Lulju 2008 tinbidel bid-data [*tlit snin* wara *d-data tat-traspożizzjoni*], u jiżdied il-paragrafu li ġejj:

"L-Istati Membri għandhom iressqu rapport ta' kull sena lill-Kummissjoni dwar l-ammont ta' użu mill-ġdid li jkun sar mill-informazzjoni tas-settur pubbliku, il-kundizzjonijiet li skonthom issir disponibbli, u l-ħidma tal-awtorità indipendenti msemmija fl-Artikolu 4(4)."

Emenda

(12) Fl-Artikolu 13 (Reviżjoni), id-data tal-1 ta' Lulju 2008 tinbidel bid-data [*ħames snin* wara *d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva*], u jiżdied il-paragrafu li ġejj:

"2a. "L-Istati Membri għandhom iressqu rapport kull sentejn lill-Kummissjoni dwar l-ammont ta' użu mill-ġdid li jkun sar mill-informazzjoni tas-settur pubbliku, il-kundizzjonijiet li skonthom issir disponibbli, u l-ħidma tal-entità imparzjali fl-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 4(4). Il-Kummissjoni għandha tippubblika tabella ta' valutazzjoni rilevanti kull sentejn li jkun fiha

*indikaturi tal-prestazzjoni għall-użu mill-
għdid tal-informazzjoni tas-settur
pubbliku."*

15.10.2012

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAS-SUQ INTERN U L-ĦARSIEN TAL-KONSUMATUR

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/98/KE dwar l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (COM(2011)0877 – C7-0502/2011 – 2011/0430(COD))

Rapporteur: Rafał Trzaskowski

EMENDI

Il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Protezzjoni tal-Konsumatur jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal direttiva Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2a) L-użu mill-ġdid, mingħajr burokrazija u ekonomiku, tal-informazzjoni tas-settur pubbliku huwa offrut b'appoġġ għall-gruppi importanti ta' utenti li ġejjin: l-SMEs, b'mod partikolari fil-qasam tal-ICT; ġurnalisti; u xjentisti. Minbarra dan, it-titjib fl-aċċess għall-informazzjoni fis-settur pubbliku jippromwovi t-trasparenza u ċ-ċarezza fix-xogħol tal-korpi pubbliċi fir-rigward taċ-ċittadini.

Emenda 2

Proposta għal direttiva Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) Id-Direttiva 2003/98/KE ma ***fihix*** obbligu li ***jiġi awtorizzat*** l-użu mill-ġdid ***ta' dokumenti***. Id-deċiżjoni dwar jekk l-użu mill-ġdid jiġix awtorizzat jew le tibqa' f'idejn l-Istati Membri jew l-entità tas-settur pubbliku kkonċernata. Fl-istess nifs, id-Direttiva tibni fuq regoli nazzjonali dwar l-aċċess għad-dokumenti. Ċerti Stati Membri rabtu espressament id-dritt tal-użu mill-ġdid ma' dan id-dritt ta' aċċess, ***b'mod li d-dokumenti kollha ġeneralment aċċessibbli jistgħu jintużaw mill-ġdid***. Fi Stati Membri oħra, ***ir-rabta bejn iż-żewġ settijiet ta' regoli hija inqas ċara, u dan huwa sors ta' inċertezza***.

Emenda 3

Proposta għal direttiva Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6) Id-Direttiva 2003/98/KE ma ***tiġġustifikax*** obbligu ***għall-Istati Membri li jippermettu l-aċċess għad-dokumenti tas-settur pubbliku u l-użu mill-ġdid tagħhom***. Id-deċiżjoni dwar jekk l-użu mill-ġdid jiġix awtorizzat jew le tibqa' f'idejn l-Istati Membri jew l-entità tas-settur pubbliku kkonċernata. ***Id-Direttiva sempliċement tarmonizza l-kundizzjonijiet dwar kif id-dokumenti għandhom ikunu disponibbli għall-użu mill-ġdid***. Fl-istess nifs, id-Direttiva tibni fuq regoli nazzjonali dwar l-aċċess għad-dokumenti. Ċerti Stati Membri rabtu espressament id-dritt tal-użu mill-ġdid ma' dan id-dritt ta' aċċess, ***filwaqt li xi Stati Membri oħra għamlu distinzjoni legali bejn id-dritt għall-użu mill-ġdid u r-regoli nazzjonali dwar l-aċċess għall-informazzjoni u l-libertà ta' informazzjoni***.

(6a) Ir-regolamenti tal-Istati Membri għall-aċċess għad-dokumenti tas-settur pubbliku huma bbażati fuq it-trasparenza u l-libertà tal-informazzjoni. Madankollu, f'xi każijiet dan id-dritt jiġi limitat, pereżempju għal dawk li għandhom interess speċjali f'dawn id-dokumenti jew f'każijiet meta d-dokumenti jkunu jinkludu informazzjoni sensittiva, relatata pereżempju mas-sigurtà nazzjonali jew pubblika.

Emenda 4

Proposta għal direttiva Premessa 6c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6c) Id-Direttiva 2003/98/KE tapplika għal dawk id-dokumenti li l-provvista tagħhom taqa' fl-ambitu tal-kompitu pubbliku tal-entitajiet tas-settur pubbliku kkonċernati, kif definit mil-liġi jew minn regoli vinkolanti oħra tal-Istat Membru inkwistjoni. Dan il-kompitu pubbliku għandu jkun jista' jiġi definit għall-entitajiet ikkonċernati b'mod ġenerali jew każ b'każ;

Emenda 5

Proposta għal direttiva Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(7) Għaldaqstant, id-Direttiva 2003/98/KE għandha **tistipula l-obbligu ċar li l-Istati Membri joffru d-dokumenti kollha ġeneralment disponibbli għall-użu mill-ġdid tagħhom. Billi dan jikkostitwixxi limitazzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali tal-awturi tad-dokumenti**, l-ambitu ta' tali rabta bejn id-dritt tal-aċċess u d-dritt tal-użu mill-ġdid għandu jitqassar biex ikopru biss dak li hu strettament meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet imfittxija minn din l-introduzzjoni. F'dan ir-rigward, fid-dawl tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u tal-obbligi internazzjonali tal-Istati Membri u tal-Unjoni, speċifikament skont il-Konvenzjoni ta' Bern għall-Protezzjoni tax-Xogħlijiet Letterarji u Artistiċi u l-Ftehim dwar l-Aspetti Marbutin mal-Kummerċ tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettuali (il-Ftehim TRIPS), id-dokumenti li partijiet terzi jżommu drittijiet tal-proprjetà intellettuali fuqhom għandhom jiġu

(7) Għaldaqstant, id-Direttiva 2003/98/KE għandha **tirregola kif l-Istati Membri joffru d-dokumenti kollha disponibbli għall-użu mill-ġdid. Għaldaqstant** l-ambitu ta' tali rabta bejn id-dritt tal-aċċess u d-dritt tal-użu għandu jitqassar biex ikopri biss dak li hu strettament meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet imfittxija minn din l-introduzzjoni. F'dan ir-rigward, fid-dawl tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u tal-obbligi internazzjonali tal-Istati Membri u tal-Unjoni, speċifikament skont il-Konvenzjoni ta' Bern għall-Protezzjoni tax-Xogħlijiet Letterarji u Artistiċi u l-Ftehim dwar l-Aspetti Marbutin mal-Kummerċ tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettuali (il-Ftehim TRIPS), id-dokumenti li partijiet terzi jżommu drittijiet tal-proprjetà intellettuali fuqhom għandhom jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/98/KE. Fil-każ li parti terza kienet is-sid inizjali ta' dokument miżmum

esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/98/KE. Fil-każ li parti terza kienet is-sid inizjali ta' dokument miżmum minn libreriji (inklużi l-librerija universitarji), mużewijiet jew arkivji, li jkun għadu protett bid-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, għall-finijiet ta' din id-Direttiva, dak id-dokument għandu jittqies li partijiet terzi jżommu drittijiet tal-proprjetà intellettuali fuqu.

minn libreriji (inklużi l-librerija universitarji), mużewijiet jew arkivji, li jkun għadu protett bid-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, għall-finijiet ta' din id-Direttiva, dak id-dokument għandu jittqies li partijiet terzi jżommu drittijiet tal-proprjetà intellettuali fuqu.

Emenda 6

Proposta għal direttiva Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10a) Billi l-użu mill-ġdid ta' dokumenti miżmuma minn libreriji (inklużi libreriji universitarji), mużewijiet jew arkivji, għandu potenzjal soċjali u ekonomiku sostanzjali għal industriji kulturali u kreattivi, għandha tiġi promossa diġitalizzazzjoni gradwali tal-kollezzjonijiet kulturali Ewropej.

Emenda 7

Proposta għal direttiva Premessa 10b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10b) Fir-rigward tal-utilizzazzjoni, id-diġitalizzazzjoni u l-preżentazzjoni ta' kollezzjonijiet kulturali, hemm diversi każi ta' kooperazzjoni bejn libreriji (inklużi l-libreriji universitarji), mużewijiet, arkivji u sħab privati, fejn entitajiet tas-settur pubbliku jikkonċedu d-drittijiet esklussivi ta' aċċess u utilizzazzjoni kummerċjali lis-sħab kooperattivi. Il-prattika wriet li dawn is-sħubiji pubbliċi-privati jistgħu jippermettu użu sinifikanti tal-kollezzjonijiet kulturali u fl-istess ħin

iżidu l-aċċess għall-partrimonju kulturali għaċ-ċittadin. Għaldaqstant id-Direttiva 2003/98/KE ma għandhiex teskludi l-konklużjoni ta' ftehimiet għall-għoti ta' drittijiet esklussivi. Barra minn hekk, l-istituzzjonijiet kulturali għandu jkollhom il-libertà li jagħżlu huma stess is-sħab li jixtiequ jikkooperaw magħhom, b'konformità mal-prinċipju tat-trasparenza u n-nondiskriminazzjoni.

Emenda 8

Proposta għal direttiva Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) Biex jiġi ffaċilitat l-użu mill-ġdid tal-PSI, l-entitajiet tas-settur pubbliku għandhom iqiegħdu dokumenti għad-dispożizzjoni permezz ta' formati li jinqraw elettronikament, u flimkien mal-metadejta tagħhom fejn possibbli u xieraq, f'format li jiżgura l-interoperabbiltà eċċ., billi jipproċessawhom b'mod konsistenti mal-prinċipji tar-rekwiżiti ta' kompatibbiltà u użabbiltà għall-informazzjoni spazjali skont id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Infomazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (*Inspire*).

Emenda

(11) Biex jiġi ffaċilitat l-użu mill-ġdid tal-PSI, l-entitajiet tas-settur pubbliku għandhom iqiegħdu dokumenti għad-dispożizzjoni permezz ta' formati ***teknoloġikament newtrali*** li jinqraw elettronikament u b'mod teknoloġikament newtrali, u flimkien mal-metadejta tagħhom fejn possibbli u xieraq, f'format li jiżgura l-interoperabbiltà eċċ., billi jipproċessawhom b'mod konsistenti mal-prinċipji tar-rekwiżiti ta' kompatibbiltà u użabbiltà għall-informazzjoni spazjali skont id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Infomazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (*INSPIRE*).

Emenda 9

Proposta għal direttiva Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(11a) Dokument jitqies bħala dokument f'format li jista' jinqara elettronikament

jekk ikun dokument diġitali f'format ta' fajl li permezz tiegħu applikazzjonijiet tas-softwer jistgħu jidentifikaw, jirrikonoxxu u jieħdu faċilament data minnu. Dokumenti f'forma ta' code f'fajls li jillimitaw, bi kwalunkwe mod, tali pproċessar, jew li jeħtieġu teknoloġija speċifika għall-iproċessar ma għandhomx jitqiesu bħala dokumenti f'formati li jistgħu jinqraw elettronikament. L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-użu ta' formati miftuħa li jistgħu jinqraw elettronikament, bl-eċċezzjoni ta' data fejn l-użu ta' formati miftuħa jkunu inġustifikabbli għal raġunijiet teknoloġiċi jew ekonomiċi. Kull użu ta' format ta' dejta li jista' jinqara mekkanikament mhux miftuħ għandu jkun ġustifikat u għandha tiġi provduta deskrizzjoni teknika tal-format użat.

Emenda 10

Proposta għal direttiva Premessa 11b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(11b) “miftuħ” ifisser li l-ispeċifikazzjoni tal-format tinżamm minn organizzazzjoni mhux bi skop ta' profitt; l-iżvilupp kontinwu tagħha jsir abbażi ta' proċedura miftuħa ta' teħid ta' deċiżjonijiet li tkun disponibbli għall-partijiet kollha interessati; id-dokument ta' speċifikazzjoni tal-format huwa liberament disponibbli; il-proprjeta' intellettwali tal-istandard titqiegħed għad-dispożizzjoni b'mod irrevokabbli fuq bażi ħielsa mid-drittijiet tal-awtur.

Ġustifikazzjoni

Definizzjoni abbażi ta' definizzjoni provduta mill-Kummissjoni Ewropea bil-għan tal-Qafas

Emenda 11
Proposta għal direttiva
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) Fejn jiġu imposti tariffi għall-użu mill-ġdid ta' dokumenti, fil-prinċipju, għandhom ikunu limitati għall-ispejjeż marġinali mġarrba ***bir-riproduzzjoni u t-tixrid tagħhom, sakemm ma jkunx iġġustifikat mod ieħor skont l-għan, it-trasparenza jew kriterji li jistgħu jiġi vverifikati***. Għandha titqies b'mod partikulari l-ħtieġa li ma jitfixkilx il-funzjonament normali ta' dawk entitajiet tas-settur pubbliku li jkopru parti sostanzjali tal-ispejjeż tal-operat immissla mill-qadi tal-kompitu pubbliku tagħhom, billi jittellef l-isfruttar tad-drittijiet tagħhom tal-proprjetà intellettwali. Għandu jkun f'idejn l-entità tas-settur pubbliku li tkun qiegħda timponi tariffa għall-użu mill-ġdid tad-dokumenti, li tagħti evidenza li t-tariffi huma msejsa fuq l-ispejjeż, u li tikkonforma ma' limiti rilevanti.

Emenda 12
Proposta għal direttiva
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

(13) B'rabta ma' kwalunkwe użu mill-ġdid li jsir mid-dokument, fejn ikun vjabbli, l-entitajiet tas-settur pubbliku jistgħu jimponu kundizzjonijiet fuq l-utent mill-ġdid, pereżempju r-rikonoxximent tas-sors. Fi kwalunkwe każ, kull liċenzja għall-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku għandha tqiegħed l-inqas restrizzjonijiet possibbli fuq l-użu mill-ġdid tal-PSI. Il-liċenzji miftuħin

Emenda

(12) Fejn jiġu imposti tariffi għall-użu mill-ġdid ta' dokumenti, fil-prinċipju, għandhom ikunu limitati għall-ispejjeż marġinali mġarrba ***fil-proċess biex tiġi ssodisfata talba partikolari għall-użu mill-ġdid***. Għandha titqies b'mod partikulari l-ħtieġa li ma jitfixkilx il-funzjonament normali ta' dawk entitajiet tas-settur pubbliku li jkopru parti sostanzjali tal-ispejjeż tal-operat immissla mill-qadi tal-kompitu pubbliku tagħhom, billi jittellef l-isfruttar tad-drittijiet tagħhom tal-proprjetà intellettwali. Għandu jkun ***dejjem*** f'idejn l-entità tas-settur pubbliku li tkun qiegħda timponi tariffa għall-użu mill-ġdid tad-dokumenti, li tagħti evidenza li t-tariffi huma msejsa fuq l-ispejjeż, u li tikkonforma ma' limiti rilevanti. ***Dawk it-tariffi għandhom jiġu stabbiliti skont kriterji trasparenti, oġġettivi u verifikabbli***.

Emenda

(13) B'rabta ma' kwalunkwe użu mill-ġdid li jsir mid-dokument, fejn ikun vjabbli, l-entitajiet tas-settur pubbliku jistgħu jimponu kundizzjonijiet fuq l-utent mill-ġdid, pereżempju r-rikonoxximent tas-sors. Fi kwalunkwe każ, kull liċenzja għall-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku għandha tqiegħed l-inqas restrizzjonijiet possibbli fuq l-użu mill-ġdid tal-PSI, ***filwaqt li preferibbilment***

disponibbli fuq l-internet, li jagħtu drittijiet usa' tal-użu mill-ġdid mingħajr restrizzjonijiet teknoloġiċi, finanzjarji jew ġeografiċi, u li jistrieħu fuq formati ta' dejta miftuħin, **jistgħu** jiżvolġu rwol importanti **wkoll** f'dan ir-rigward. Għaldaqstant, l-Istati Membri għandhom iħeġġu l-użu tal-liċenzji **governattivi** miftuħa.

tillimitahom għall-indikazzjoni tas-sors. Il-liċenzji miftuħin disponibbli fuq l-internet, li jagħtu drittijiet usa' tal-użu mill-ġdid mingħajr restrizzjonijiet teknoloġiċi, finanzjarji jew ġeografiċi, u li jistrieħu fuq formati ta' dejta miftuħin, **għandhom** jiżvolġu rwol importanti f'dan ir-rigward. Għaldaqstant, l-Istati Membri għandhom iħeġġu l-użu tal-liċenzji miftuħa **li biż-żmien għandhom ikunu standardizzati fl-Unjoni kollha.**

Emenda 13

Proposta għal direttiva Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

(14) L-implimentazzjoni tajba ta' wħud mill-elementi ta' din id-Direttiva, ngħidu aħna l-mezzi ta' rikors, il-konformità mal-prinċipji tat-tariffar, u l-obbligi ta' rappurtar, jeħtieġu monitoraġġ minn awtoritajiet indipendenti b'kompetenza fl-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku. Biex tiġi żgurata l-konsistenza fost l-approċċi fuq il-livell tal-Unjoni, għandha titħeġġeġ il-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet indipendenti, b'mod partikulari bl-iskambju ta' tagħrif dwar l-aqwa prassi u l-politiki ta' użu mill-ġdid tad-dejta.

Emenda

(14) L-implimentazzjoni tajba ta' wħud mill-elementi ta' din id-Direttiva, ngħidu aħna l-mezzi ta' rikors, il-konformità mal-prinċipji tat-tariffar, u l-obbligi ta' rappurtar, jeħtieġu monitoraġġ minn awtoritajiet indipendenti b'kompetenza fl-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku. **Hija r-responsabbiltà tal-Istati Membri li jittrasferixxu din il-funzjoni lill-awtorità rispettiva.** Biex tiġi żgurata l-konsistenza fost l-approċċi fuq il-livell tal-Unjoni, għandha titħeġġeġ il-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet indipendenti, b'mod partikulari bl-iskambju ta' tagħrif dwar l-aqwa prassi u l-politiki ta' użu mill-ġdid tad-dejta. **F'każijiet ta' konflitt rigward l-implimentazzjoni, wieħed jista' jirrikorri għal sistemi nazżjonali tal-Ombudsmen jew l-Ombudsman Ewropew.**

Ġustifikazzjoni

It-twaqqif ta' awtorità regolatorja indipendenti jmur kontra l-isforzi tal-Istati Membri lejn tnaqqis fil-burokrazija u l-konsolidament tal-baġits u jidħol b'mod superfluwu fuq is-sovranità ta' organizzazzjoni tal-Istati Membri.

Emenda 14
Proposta għal direttiva
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni

(17) Jeħtieġ li jiġi żgurat li l-Istati Membri (ara l-premessa 19) jirrappurtaw lill-Kummissjoni rigward ***l-ammont ta' użu mill-ġdid*** li jsir mill-informazzjoni tas-settur pubbliku, il-kundizzjonijiet li skonthom issir disponibbli, u l-ħidma tal-awtorità indipendenti. Biex tiġi żgurata l-konsistenza fost l-approċċi fuq il-livell tal-Unjoni, għandha titħeġġeġ il-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet indipendenti, b'mod partikulari bl-iskambju ta' tagħrif dwar l-aqwa prassi u l-politiki ta' użu mill-ġdid tad-dejta.

Emenda 15
Proposta għal direttiva
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni

(18) Il-Kummissjoni għandha tgħin lill-Istati Membri jimplementaw id-Direttiva b'mod konsistenti billi ***tkun ta'*** gwida, partikularment fejn jidħlu t-tariffi u l-kalkolu tal-ispejjeż, il-kundizzjonijiet rakkomandati tal-liċenzjar, u l-formati tad-dejta, wara li tkun ikkonsultata mal-partijiet interessati.

Emenda 16
Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt 1 – punt 1a (ġdid)
Direttiva 2003/98/KE
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(17) Jeħtieġ li jiġi żgurat li l-Istati Membri (ara l-premessa 19) jirrappurtaw lill-Kummissjoni rigward ***id-disponibbiltà*** tal-informazzjoni tas-settur pubbliku ***għall-użu mill-ġdid***, il-kundizzjonijiet li skonthom issir disponibbli, u l-ħidma tal-awtorità indipendenti. Biex tiġi żgurata l-konsistenza fost l-approċċi fuq il-livell tal-Unjoni, għandha titħeġġeġ il-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet indipendenti, b'mod partikulari bl-iskambju ta' tagħrif dwar l-aqwa prassi u l-politiki ta' użu mill-ġdid tad-dejta.

Emenda

(18) Il-Kummissjoni għandha tgħin lill-Istati Membri jimplementaw id-Direttiva b'mod konsistenti billi ***tagħmel proposti u tistabilixxi linji*** gwida, partikularment fejn jidħlu t-tariffi u l-kalkolu tal-ispejjeż, il-kundizzjonijiet rakkomandati tal-liċenzjar, u l-formati tad-dejta, wara li tkun ikkonsultata mal-partijiet interessati.

(1 a) F'paragrafu 2, il-punt (c) jiġi

sostitwit b'dan li ġej:

'(c) id-dokumenti li huma esklużi mill-aċċess bis-saħħa tar-reġimi ta' aċċess fl-Istati Membri, inkluż minħabba raġunijiet ta':

- il-protezzjoni tas-sigurtà nazzjonali (jiġifieri s-sigurtà tal-Istat), id-difiża jew is-sigurtà pubblika,

- il-kunfidenzjalità tal-istatistika jew dik kummerċjali;

- il-protezzjoni tal-privatezza u tad-data personali;

Emenda 17

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 2

Direttiva 2003/98/KE

Artikolu 2 – punt 6 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

6. "li jinqara elettronikament" tfisser *li dokumenti diġitali jkunu strutturati b'mod xieraq biex applikazzjonijiet tas-sofwer ikunu jistgħu jidentifikaw b'mod affidabbli dikjarazzjonijiet individwali ta' fatt u l-istruttura interna tagħhom.*

Emenda

6. "*dokument f'format* li jista' jinqara elettronikament" tfisser *dokument diġitali f'format ta' fajl li jħalli* applikazzjonijiet tas-sofwer jidentifikaw, *jirrikonoxxu u jieħdu faċilment dejta ta' interess minn dak id-dokument b'mod teknoloġikament newtrali.*

Emenda 18

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 4 – punt -1 (ġdid)

Direttiva 2003/98/KE

Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(- 1) Il-paragrafu 1 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

Il-korpi tas-settur pubbliku għandhom jipproċessaw it-talbiet għall-użu mill-ġdid permezz ta' mezzi elettroniċi. Huma għandhom jagħmlu, permezz ta' mezzi

elettroniċi, fejn ikun possibbli u xieraq, id-dokument disponibbli għall-użu mill-ġdid lill-applikant jew, jekk tinħtieġ liċenzja, jiffinalizzaw l-offerta tal-liċenzja lill-applikant fi żmien raġonevoli li huwa konsistenti mal-perjodi ta' żmien stipulati għall-ipproċessar tat-talbiet għall-aċċess tad-dokumenti.

Emenda 19

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt 2

Direttiva 2003/98/KE

Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

*"Il-miżuri ta' rikors għandhom jinkludu l-possibbiltà ta' reviżjoni minn awtorità **indipendenti li tingħata setgħat regolatorji speċifiċi fir-rigward tal-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku, u li d-deċiżjonijiet tagħha jkunu vinkolanti għall-entità tas-settur pubbliku kkonċernata.**"*

Emenda

*Il-miżuri ta' rikors għandhom jinkludu **r-referenza dwar il-possibbiltà** ta' reviżjoni minn awtorità **fl-Istati Membri.***

Ġustifikazzjoni

It-twaqqif ta' awtorità regolatorja indipendenti jmur kontra l-isforzi tal-Istati Membri lejn tnaqqis fil-burokrazija u l-konsolidament tal-baġits u jidħol b'mod superfluwu fuq is-sovranità ta' organizzazzjoni tal-Istati Membri.

Emenda 20

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – point 2 (ġdid)

2003/98/KE

Artikolu 4 – paragrafu ġdid

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Din id-Direttiva hija konformi bis-sħiħ mal-liġi applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data. Jekk data pubblika li ssir disponibbli għal użu mill-ġdid

tikkonċerna data personali, għandu jkun stabbilit taħt liema kundizzjonijiet u soġġett għal liema salvagwardji speċifiċi għall-protezzjoni tad-data se jkun permissibbli l-użu mill-ġdid, jekk prattikabbli permezz ta' liċenzja. Din il-valutazzjoni għandha tiżgura li jkun hemm bażi legali adegwata għat-trasferiment u l-użu mill-ġdid tad-data skont il-liġi nazzjonali, li l-użu mill-ġdid ikun disponibbli biss għal għan kompatibbli u li l-applikanti u l-utenti sussegwenti jiġu mitluba jkunu konformi mad-dispożizzjonijiet l-oħra kollha tal-liġi applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja mill-qrib jekk l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva tkun fi ksur tal-leġiżlazzjoni tal-UE għall-protezzjoni tad-data.

Emenda 21

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 – punt 1
Direttiva 2003/98/KE
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Fil-paragrafu 1, il-kliem "b'mod elettroniku" jinbidel bil-kliem "f'format li jinqara elettronikament, flimkien mal-metadejta korrispondenti."

Emenda

1. Il-paragrafu 1 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

'1. Il-korpi tas-settur pubbliku għandhom jagħmlu d-dokumenti tagħhom disponibbli fil-formati jew il-lingwi eżistenti minn qabel u, fejn possibbli u xieraq, f'format teknoloġikament newtrali li jinqara elettronikament, flimkien mal-metadata korrispondenti. Dan ma għandux jimplika xi obbligu għall-korpi tas-settur pubbliku li jgħolqu, jiddiġitalizzaw jew jadattaw dokumenti jew jagħmluhom f'formati li jinqaraw elettronikament b'mod teknoloġikament newtrali sabiex jikkonformaw mat-talba,

lanqas ma għandu jimplika xi obbligu li jiġu provduti estratti minn dokumenti fejn dan ikun jinvolti sforz sproporzjonat, li jmur 'l hinn minn operazzjoni sempliċi."

Emenda 22

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 6 – punt 1

Direttiva 2003/98/KE

Artikolu 6 – paragrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

1. Fejn jiġu imposti tariffi għall-użu mill-ġdid tad-dokumenti, l-ammont totali impost mill-entitajiet tas-settur pubbliku għandu jkun limitat għall-ispejjeż marġinali mġarrba bir-riproduzzjoni u t-tixrid."

2. F'każijiet eċċezzjonali, partikularment fejn l-entitajiet tas-settur pubbliku jiġġeneraw parti sostanzjali mill-ispejjeż tal-operat tagħhom, marbutin mal-qadi tal-kompiti ta' servizz pubbliku tagħhom, mill-isfruttar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali tagħhom, l-entitajiet tas-settur pubbliku jistgħu jitħallew jimponu tariffi għall-użu mill-ġdid tad-dokumenti 'l fuq mill-ispejjeż marġinali, **skont l-għan, it-trasparenza u kriterji verifikabbli, sakemm dan ikun fl-interess pubbliku u soġġett għall-approvazzjoni tal-awtorità indipendenti msemmija fl-Artikolu 4(4), u mingħajr ħsara għall-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-Artikolu."**

'3. Minkejja l-paragrafi 1 u 2, il-libreriji (inklużi l-libreriji universitarji), il-mużewijiet u l-arkivji jistgħu jimponu tariffi 'l fuq mill-ispejjeż marġinali għall-użu mill-ġdid tad-dokumenti li jaħżnu."

Emenda

1. Fejn jiġu imposti tariffi għall-użu mill-ġdid tad-dokumenti, l-ammont totali impost mill-entitajiet tas-settur pubbliku għandu jkun limitat għall-ispejjeż marġinali mġarrba bir-riproduzzjoni, **il-provvista** u t-tixrid."

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal:

a) każijiet eċċezzjonali, **fejn** l-entitajiet tas-settur pubbliku **jkunu meħtieġa** jiġġeneraw **dħul biex ikopri** parti sostanzjali mill-ispejjeż tal-operat tagħhom, marbutin mal-qadi tal-kompiti ta' servizz pubbliku tagħhom, mill-isfruttar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali tagħhom, l-entitajiet tas-settur pubbliku jistgħu jitħallew jimponu tariffi għall-użu mill-ġdid tad-dokumenti 'l fuq mill-ispejjeż marġinali

b) libreriji (inklużi libreriji universitarji), mużewijiet u arkivji.

3. Meta jsiru imposti skont il-paragrafu 2, dawn għandhom ikunu stabbiliti skont kriterji oġġettivi, trasparenti u

verifikabbli. Id-dħul totali mill-provvista u mill-permess li dokumenti jintużaw mill-ġdid, ma għandux jaqbeż l-ispiża tal-ġbir, il-produzzjoni, ir-riproduzzjoni, il-forniment u t-tixrid, flimkien ma' dħul raġonevoli fuq l-investment. Jekk applikabbli, ma għandux jeċċedi, l-anonimizzazzjoni tad-data personali jew tal-investimenti bil-għan li d-data ssir disponibbli għal użu mill-ġdid permezz ta' mezzi elettroniċi. L-imposti skont il-paragrafi 1 u 2, għandhom ikunu orjentati skont in-nefqa matul il-perjodu xieraq ta' kontabilità u kalkolati skont il-prinċipji ta' kontabilità applikabbli għall-korpi tas-settur pubbliku involuti.

4. L-imposti li jsiru skont il-paragrafu 3 huma soġġetti għal reviżjoni mill-awtorità indipendenti msemmija fl-Artikolu 4(4), u mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu.

Emenda 23

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7

Direttiva 2003/98/KE

Artikolu 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Fl-Artikolu 7 (It-trasparenza), jiddaħħal il-kliem "l fuq mill-ispejjeż marġinali jew" wara l-kliem "il-kalkolu tat-tariffi".

Emenda

(7) Fl-Artikolu 7 (It-trasparenza), it-tielet sentenza tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"Is-settur pubbliku inkwistjoni għandu wkoll jindika liema fatturi għandhom jitqiesu fil-kalkolu tat-tariffi skont l-Artikolu 6."

Emenda 24

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 8 – punt 1

Direttiva 2003/98/KE

Artikolu 8 – paragrafu 1

PE492.922v01-00

48/91

RR\921789MT.doc

Test propost mill-Kummissjoni

"L-entitajiet tas-settur pubbliku jistgħu jippermettu l-użu mill-ġdid mingħajr kundizzjonijiet, jew jistgħu jimponi kundizzjonijiet, bħall-indikazzjoni tas-sors, fejn xieraq permezz ta' liċenzja. Dawn il-kundizzjonijiet ma għandhomx jirrestrinġu bla bżonn il-possibbiltajiet għall-użu mill-ġdid, u ma għandhomx jintużaw biex jirrestrinġu l-kompetizzjoni.

Emenda

"L-entitajiet tas-settur pubbliku jistgħu jippermettu l-użu mill-ġdid **ta' dokumenti** mingħajr kundizzjonijiet, jew, jekk xieraq, jimponu kundizzjonijiet fl-ambitu ta' liċenzja, **li fiha jiġu stipulati regoli essenzjali**. Dawn il-kundizzjonijiet **għandhom isiru disponibbli permezz ta' mezzi elettroniċi u ma għandhomx** jirrestrinġu għal xejn il-possibbiltajiet għall-użu mill-ġdid u ma għandhomx jintużaw biex jirrestrinġu l-kompetizzjoni.

Emenda 25

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8 – punt 1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1a) Għall-fini tal-implementazzjoni konsistenti ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tadotta linji gwida għal liċenzji standard u miftuħa rakkomandati għall-użu mill-ġdid ta' informazzjoni tas-settur pubbliku. Dawn il-linji gwida għandhom jinkludu klawnsola speċifika għall-protezzjoni tad-data.

Emenda 26

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9

Direttiva 2003/98/KE

Artikolu 9

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri għandhom **jiżguraw li jkun implimentati** arranġamenti prattiċi li jiffaċilitaw it-tiftix, **b'isna differenti**, għad-dokumenti disponibbli għall-użu mill-ġdid, bħal listi ta' dokumenti ewlenin

L-Istati Membri għandhom **jagħmlu** arranġamenti prattiċi li jiffaċilitaw it-tiftix għad-dokumenti disponibbli għall-użu mill-ġdid **madwar l-Unjoni**, bħal listi ta' dokumenti ewlenin bil-metadejta rilevanti,

bil-metadejta rilevanti, preferibbilment aċċessibbli *fuq l-internet u* f'format li jinqara elettronikament, u siti u portali li jkollhom ħolqa għal listi *deċentralizzati* ta' assi."

preferibbilment f'format *teknoloġikament newtrali* li jinqara elettronikament, u siti u portali li jkollhom ħolqa għal listi ta' assi."

Ġustifikazzjoni

L-introduzzjoni ta' possibilitajiet ta' tiftix b'isna differenti huwa sinifikanti u diġà qed jiġu offruti fuq bażi volontarja. Madankollu, fid-dawl tas-sitwazzjoni finanzjarja tas-settur pubbliku, l-introduzzjoni ta' rekwiżit ġenerali sabiex tali għażla ta' tiftix jiġi pprovdut dejjem f'lingwi Ewropej oħra, se jkun marbut ma' spejjeż sproporzjonalment għoljin.

Emenda 27

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9a (ġdid)

Direttiva 2003/98/KE

Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9a) (9 a) L-Artikolu 11, paragrafu 2 huwa emendat b'dan li ġej:

'2. Minkejja l-paragrafu 1, fejn dritt esklussiv ikun meħtieġ għall-provvista ta' servizz fl-interess pubbliku, il-validità tal-arranġament ta' dritt esklussiv għandha tkun suġġetta għal reviżjoni regolari, u għandha, f'kull każ, tiġi riveduta kull erba' snin. L-arranġamenti esklussivi stabbiliti wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva għandhom ikunu soġġetti għall-prinċipju ta' trasparenza u jiġu ppubblikati mill-entitajiet tas-settur pubbliku kkonċernati.'

Emenda 28

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9b (ġdid)

Direttiva 2003/98/KE

Artikolu 11 – paragrafu 2a (ġdid)

(9b) FL-Artikolu 11, għandu jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

'2a. Minkejja l-paragrafu 1, fejn dritt esklużiv jingħata b'rabta mal-isfruttar kummerċjali neċessarju għad-diġitalizzazzjoni ta' kollezzjonijiet kulturali, l-isfruttar kummerċjali ma jistax ikun ta' aktar minn seba' snin. Tul dan iż-żmien, id-dritt esklussiv ma għandux ikun soġġett għal kontroll. L-arranġamenti esklussivi stabbiliti wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva għandhom ikunu trasparenti u jiġu ppubblikati.'

Emenda 29

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10 – parti introduttorja

Direttiva 2003/98/KE

Artikolu 11 – paragrafu 3

(10) FL-Artikolu 11 (il-projbizzjoni tal-arranġamenti esklużivi), tiżdied is-sentenza li ġejja fi tmiem il-paragrafu 3:

(10) Paragrafu 3 tal-Artikolu 11 (il-projbizzjoni tal-arranġamenti esklussivi), għandu jinqara kif ġej:

'3. L-arranġamenti eżistenti esklużivi li ma jikkwalifikawx għal eċċezzjoni skont il-paragrafu 2 għandhom ikunu terminati fl-aħħar tal-kuntratt u f'kull każ mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2008. Madankollu, arranġamenti ta' dan it-tip li jikkonċernaw libreriji (inklużi libreriji universitarji), mużewijiet u arkivji, u li ma jikkwalifikawx għal eċċezzjoni skont il-paragrafi 2 jew 2a, għandhom jintemmu fi tmiem il-kuntratt, jew f'kull każ mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 20XX [sitt snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].'

Emenda 30

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12 – parti introduttorja

Direttiva 2003/98/KE

Artikolu 13

Test propost mill-Kummissjoni

(12) Fl-Artikolu 13 (Reviżjoni), id-data tal-1 ta' Lulju 2008 tinbidel bid-data [***tljet*** snin wara ***d-data tat-traspożizzjoni***], u jiżdied il-paragrafu li ġej:

Emenda

(12) Fl-Artikolu 13 (Reviżjoni), id-data tal-1 ta' Lulju 2008 tinbidel bid-data [***ħames*** snin wara ***d-dħul fis-seħħ***], u jiżdied il-paragrafu li ġej:

Emenda 31

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 12

Direttiva 2003/98/KE

Artikolu 13 – paragrafu 3 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom iressqu rapport ***ta' kull sena*** lill-Kummissjoni dwar ***l-ammont ta' użu mill-ġdid*** li jkun sar mill-informazzjoni tas-settur pubbliku, il-kundizzjonijiet li skonthom issir disponibbli, u l-ħidma tal-awtorità indipendenti msemmija fl-Artikolu 4(4)."

Emenda

L-Istati Membri għandhom iressqu rapport lill-Kummissjoni ***kull tljet snin*** dwar ***id-disponibbiltà*** ta' informazzjoni tas-settur pubbliku ***għall-użu mill-ġdid***, il-kundizzjonijiet li skonthom issir disponibbli, u l-ħidma tal-awtorità indipendenti msemmija fl-Artikolu 4(4)."

PROĊEDURA

Titolu	Emenda tad-Direttiva 2003/98/KE dwar l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku		
Referenzi	COM(2011)0877 – C7-0502/2011 – 2011/0430(COD)		
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 15.12.2011		
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	IMCO 15.12.2011		
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Rafał Trzaskowski 29.2.2012		
Eżami fil-kumitat	8.5.2012	20.6.2012	18.9.2012
Data tal-adozzjoni	11.10.2012		
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 28	–: 0	0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Pablo Arias Echeverría, Adam Bielan, Jorgo Chatzimarkakis, Sergio Gaetano Cofferati, Birgit Collin-Langen, Lara Comi, Anna Maria Corazza Bildt, António Fernando Correia de Campos, Vicente Miguel Garcés Ramón, Louis Grech, Mikael Gustafsson, Małgorzata Handzlik, Malcolm Harbour, Iliana Ivanova, Sandra Kalniete, Edvard Kožušník, Hans-Peter Mayer, Gesine Meissner, Sirpa Pietikäinen, Phil Prendergast, Zuzana Roithová, Heide Rühle, Christel Schaldemose, Andreas Schwab, Catherine Stihler, Róża Gräfin von Thun und Hohenstein, Gino Trematerra, Barbara Weiler		
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Regina Bastos, Ildikó Gáll-Pelcz, María Irigoyen Pérez, Olle Schmidt, Olga Sehnalová, Kyriacos Triantaphyllides, Kerstin Westphal		

17.7.2012

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KULTURA U L-EDUKAZZJONI

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/98/KE dwar l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (COM(2011)0877 – C7-0502/2011 – 2011/0430(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Sabine Verheyen

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-proposta għal Direttiva tnedi tibdil paradigmaticu lejn politika ta' "aċċess miftuħ" għad-data pubblika f'era diġitali. L-idea bażika hija, li l-pubbliku ġenerali jkollu dritt għad-data, li tkun inġabret f'isem l-awtoritajiet pubbliċi permezz tal-introjt mit-taxxa.

Ir-rapporteur tilqa' l-passi li huma adegwati, għall-promozzjoni ta' aċċess permanenti u miftuħ għall-informazzjoni kulturali u tappoġġa l-isforzi li jaċċeleraw id-diġitalizzazzjoni tal-patrimonju kulturali Ewropew. Hija konxja tal-importanza ekonomika u soċjali tad-data pubblika u tad-disponibilità diġitali tagħhom.

Id-diġitalizzazzjoni tal-kollezzjonijiet kulturali tiffaċilita l-aċċess għall-patrimonju kulturali Ewropew għaċ-ċittadini kollha. Għalhekk, ir-rapporteur tilqa' l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni għal-libreriji (inklużi libreriji universitarji), il-mużewijiet u l-arkivji. L-informazzjoni tas-settur pubbliku għandha potenzjal ekonomiku, soċjali u innovattiv kbir. Huwa mistenni, li l-industrija kreattiva u kulturali se tibbenefika partikolarment minn estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni.

Sabiex l-opportuntajiet offruti jintużaw bl-aħjar mod, ir-rapporteur hija tal-fehma li għandu jsir xi titjib f'ċertu punti, billi l-proposta għal Direttiva jista' jkollha effetti negattivi fuq is-sitwazzjoni finanzjarja u l-isforzi għad-diġitalizzazzjoni fis-settur pubbliku (kulturali).

- **Setgħa ta' deċiżjoni tal-entitajiet pubbliċi:** Dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fuq bażi nazzjonali (jew lokali) għandu jibqa' jkollhom is-setgħa jiddeċiedu huma stess dwar l-użu tal-informazzjoni tagħhom u li jkunu kapaċi jkopru parti kbira mill-ispejjeż tagħhom li rriżultaw mit-twettiq tal-kompitu pubbliku tagħhom. Ir-rapporteur hija tal-

fehma, li għandu jkun possibbli barra minn hekk, li ċerti dokumenti jiġu esklużi mill-użu mill-ġdid, pereżempju, fil-każ ta' ħafna data li ma tkunx ġietx ipproċessata tirriżulta sitwazzjoni ta' ġbir mhux kontrollat, u għalhekk ssir adegwata biss għall-użu mill-ġdid wara fażijiet ta' trattament ulterjuri. **L-interoperabilità:** Ir-rapporteur taqbel mal-pożizzjoni tal-Kummissjoni li sabiex tiġi żgurata l-interoperabilità tad-data, id-data u l-metadata li diġà jeżistu f'format diġitali biss għandhom isiru disponibbli fil-format ta' data standard b'mod teknoloġikament newtrali u li jinqraw elettronikament.

- **It-twaqqif ta' awtorità indipendenti u t-treġġiġh lura tal-piż tal-prova:** It-talba għat-twaqqif ta' awtorità indipendenti b'setgħat regolatorji speċjali tmur kontra l-isforzi tal-Istati Membri għat-tnaqqis fil-burokrazija u l-konsolidament tal-baġit. L-obbligi għar-rappurtar u t-treġġiġh lura tal-piż tal-prova fir-rigward tar-rispett għar-rekwiżit tat-tariffi se jgħibu magħhom spejjeż addizzjonali sproporzjonati għall-amministrazzjoni pubblika. Ir-rapporteur tipproponi li d-deċizzjoni dwar liema entità nazzjonali għandha tkun responsabbli għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni korretta tad-Direttiva għandha tkun f'idejn l-Istati Membri. L-applikant xorta għandu l-possibilità li jieħu passi legali f'każ li proċedura ta' oppożizzjoni ma jkollhiex eżitu tajjeb.
- **Tariffi u kriterji għat-tariffi:** Ir-rapporteur turi tħassib li l-libreriji (inklużi libreriji universitarji), il-mużewijiet u l-arkivji b'forma legali u amministrazzjoni pubbliċi spiss ikollhom jiffinanzjaw l-operat tagħhom sa punti varjabbli. Barra minn hekk, l-ispejjeż attwali tal-arkivjar fuq perjodu twil ta' data diġitali huma għoljin ħafna. Għaldaqstant permezz ta' din id-Direttiva għandhom jiġu introdotti prinċipji adegwati dwar it-tariffi, li jippermettu li jiġu imposti tariffi li jkopru bis-sħiħ l-ispejjeż tal-użu mill-ġdid tal-informazzjoni sabiex ikunu koperti l-ispejjeż addizzjonali li jirriżultaw mid-distribuzzjoni tad-data. Inkella hemm ir-riskju ta' effetti negattivi fuq il-kwalità tal-informazzjoni tas-settur pubbliku u l-kapaċità ta' investiment f'dan is-settur. Barra minn hekk, id-diġitalizzazzjoni għal skopijiet kummerċjali tibda sseħħ fl-aħħar nett sempliċiment bi spejjeż tal-entitajiet pubbliċi, b'effetti negattivi fuq il-proġetti ta' diġitalizzazzjoni.
- **Ftehimiet ta' esklussività:** Fir-rigward tad-deskrizzjoni, id-diġitalizzazzjoni u l-preżentazzjoni ta' kollezzjonijiet kulturali, hemm diversi ftehimiet ta' kooperazzjoni bejn libreriji (inklużi libreriji universitarji), mużewijiet, arkivji u sħab privati, li jinvolvu lill-entitajiet tas-settur pubbliku fl-għoti ta' drittijiet esklussivi ta' aċċess u utilizzazzjoni kummerċjali lis-sħab kooperattiv. Il-prattika wriet, li dawn is-sħubiji pubbliċi-privati jistgħu jippermettu użu sinifikanti tal-kollezzjonijiet kulturali u l-aċċess rapidu għall-partrimonju kulturali. Fil-każ ta' proġetti ta' diġitalizzazzjoni kbar li jimplikaw piż finanzjarju għoli għas-sħab privati, huwa neċessarju li jingħataw drittijiet ta' esklussività għat-twettiq ta' proġetti li huma fl-interess pubbliku. Għaldaqstant ir-rapporteur hija tal-fehma li d-Direttiva 2003/98/KE m'għandhiex teskludi l-għoti ta' drittijiet esklussivi, iżda li għandhom li l-ftehimiet inkwistjoni għandhom jiġu limitati għal perjodu ta' seba' snin.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal direttiva

Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) Il-politiki tad-dejta miftuħa li jinkoraġġixxu d-disponibbiltà wiesgħa u l-użu mill-ġdid mifrux tal-informazzjoni tas-settur pubbliku għal finijiet privati jew kummerċjali, bl-ebda restrizzjoni legali, tekniċi jew finanzjarji jew b'restrizzjonijiet minimi, jistgħu jiżvolġu rwol importanti fit-tqabbid tal-iżvilupp ta' servizzi ġodda msejsa fuq mezzi ġodda biex tiġi kkombinata u użata l-informazzjoni msemmija. Madankollu, dan ikun jirrikjedi kundizzjonijiet indaqs fuq il-livell tal-Unjoni fir-rigward tad-deċiżjoni dwar l-awtorizzazzjoni tal-użu mill-ġdid ta' dokumenti, u dawn il-kundizzjonijiet indaqs ma jistgħux jinkisbu billi jitħallew f'idejn ir-regoli u l-prattiċi differenti tal-Istati Membri, jew tal-entitajiet pubbliċi kkonċernati.

Emenda 2

Proposta għal direttiva

Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) Id-Direttiva 2003/98/KE ma fihix

Emenda

(2) Il-politiki tad-dejta miftuħa li jinkoraġġixxu d-disponibbiltà wiesgħa u l-użu mill-ġdid mifrux tal-informazzjoni tas-settur pubbliku għal finijiet privati jew kummerċjali, bl-ebda restrizzjoni legali, tekniċi jew finanzjarji jew b'restrizzjonijiet minimi, ***u li jippromwovu t-tixrid tal-informazzjoni mhux biss għall-operaturi ekonomiċi iżda wkoll għall-membri tal-pubbliku u l-moviment liberu tal-persuni fi ħdan l-Unjoni, filwaqt li jitqiesu kif jixraq f'kull każ id-drittijiet fundamentali,*** jistgħu jiżvolġu rwol importanti fit-tqabbid tal-iżvilupp ta' servizzi ġodda msejsa fuq mezzi ġodda biex tiġi kkombinata u użata l-informazzjoni msemmija. Madankollu, dan ikun jirrikjedi kundizzjonijiet indaqs fuq il-livell tal-Unjoni fir-rigward tad-deċiżjoni dwar l-awtorizzazzjoni tal-użu mill-ġdid ta' dokumenti, u dawn il-kundizzjonijiet indaqs ma jistgħux jinkisbu billi jitħallew f'idejn ir-regoli u l-prattiċi differenti tal-Istati Membri, jew tal-entitajiet pubbliċi kkonċernati.

obbligu li jiġi awtorizzat l-użu mill-ġdid ta' dokumenti. Id-deċiżjoni dwar jekk l-użu mill-ġdid jiġix awtorizzat jew le tibqa' f'idejn l-Istati Membri jew l-entità tas-settur pubbliku kkonċernata. Fl-istess nifs, id-Direttiva tibni fuq regoli nazzjonali dwar l-aċċess għad-dokumenti. Ċerti Stati Membri rabtu espressament id-dritt tal-użu mill-ġdid ma' dan id-dritt ta' aċċess, ***b'mod li d-dokumenti kollha ġeneralment aċċessibbli jistgħu jintużaw mill-ġdid. Fi Stati Membri oħra, ir-rabta bejn iż-żewġ settijiet ta' regoli hija inqas ċara, u dan huwa sors ta' inċertezza.***

obbligu ***għall-Istati Membri*** li jiġi awtorizzat ***l-aċċess għal, u*** l-użu mill-ġdid ta' dokumenti ***tas-settur pubbliku***. Id-deċiżjoni dwar jekk l-użu mill-ġdid jiġix awtorizzat jew le tibqa' f'idejn l-Istati Membri jew l-entità tas-settur pubbliku kkonċernata. ***Id-Direttiva sempliċement tarmonizza l-kundizzjonijiet dwar kif id-dokumenti għandhom ikunu disponibbli għall-użu mill-ġdid.*** Fl-istess nifs, id-Direttiva tibni fuq regoli nazzjonali dwar l-aċċess għad-dokumenti. Ċerti Stati Membri rabtu espressament id-dritt tal-użu mill-ġdid ma' dan id-dritt ta' aċċess, ***filwaqt li xi Stati Membri għamlu distinzjoni legali bejn id-dritt għall-użu mill-ġdid u r-regoli nazzjonali dwar l-aċċess għall-informazzjoni u l-libertà ta' informazzjoni.***

Emenda 3

Proposta għal direttiva Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6a) L-arranġamenti tal-Istati Membri għall-aċċess għad-dokumenti tas-settur pubbliku huma bbażati fuq it-trasparenza u l-libertà ta' informazzjoni. Madankollu f'xi każijiet dan id-dritt jiġi limitat, pereżempju għal dawk li għandhom interess speċjali f'dawn id-dokumenti jew f'każijiet meta d-dokumenti jkunu jinkludu informazzjoni sensittiva, relatata pereżempju mas-sigurtà nazzjonali jew pubblika.

Emenda 4

Proposta għal direttiva Premessa 6b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6b) Id-Direttiva 2003/98/KE ma tinkludix obbligu għall-Istati Membri sabiex jagħmlu materjal analogu disponibbli f'forma diġitali jew jagħmluh jinqara elettronikament b'mod teknoloġikament newtrali. L-entitajiet tas-settur pubbliku jistgħu jiddeċiedu huma stess liema data tista' ssir diġitali, f'liema ħin u taħt liema kundizzjonijiet.

Emenda 5

Proposta għal direttiva Premessa 6c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6c) Id-Direttiva 2003/98/KE tapplika għal dawk id-dokumenti li l-provvista tagħhom taqa' fl-ambitu tal-kompitu pubbliku tal-entitajiet tas-settur pubbliku kkonċernati, kif definit mil-liġi jew minn regoli vinkolanti oħra tal-Istat Membru inkwistjoni. Dan il-kompitu pubbliku għandu jkun jista' jiġi definit għall-entitajiet ikkonċernati b'mod ġenerali jew każ b'każ;

Emenda 6

Proposta għal direttiva Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(7) **Għaldaqstant**, id-Direttiva 2003/98/KE għandha tistipula l-obbligu ċar li l-Istati Membri joffru d-dokumenti kollha ġeneralment disponibbli għall-użu mill-*

*(7) Id-Direttiva 2003/98/KE **tirrestrinġi d-drittijiet** tal-proprjetà intellettuali tal-awturi tad-dokumenti. **Għaldaqstant** l-ambitu ta' tali rabta bejn id-dritt tal-aċċess*

ġdid tagħhom. Billi dan jikkostitwixxi limitazzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali tal-awturi tad-dokumenti, l-ambitu ta' tali rabta bejn id-dritt tal-aċċess u d-dritt tal-użu *mill-ġdid* għandu jitqassar biex *ikopru* biss dak li hu strettament meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet imfittxija minn din l-introduzzjoni. F'dan ir-rigward, fid-dawl tal-leġislazzjoni tal-Unjoni u tal-obbligi internazzjonali tal-Istati Membri u tal-Unjoni, speċifikament skont il-Konvenzjoni ta' Bern għall-Protezzjoni tax-Xogħlijiet Letterarji u Artistiċi u l-Ftehim dwar l-Aspetti Marbutin mal-Kummerċ tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettuali (il-Ftehim TRIPS), id-dokumenti li partijiet terzi jżommu drittijiet tal-proprjetà intellettuali fuqhom għandhom jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/98/KE. Fil-każ li parti terza kienet is-sid inizjali ta' dokument miżmum minn libreriji (inklużi l-librerija universitarji), mużewijiet jew arkivji, li jkun għadu protett bid-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, għall-finijiet ta' din id-Direttiva, dak id-dokument għandu jitqies li partijiet terzi jżommu drittijiet tal-proprjetà intellettuali fuqu.

Emenda 7

Proposta għal direttiva Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(7a) Id-dokumenti li għalihom id-drittijiet ta' proprjetà intellettuali jkunu skadew u li konsegwentement jidħlu fl-isfera pubblika, jikkostitwixxu parti importanti ħafna tal-kollezzjonijiet tal-libreriji, l-arkivji u l-mużewijiet, u għandu jkollhom prijorità f'kampanji ta' diġitalizzazzjoni; għaldaqstant jeħtieġ li jkun żgurat li tali diġitalizzazzjoni ma tibdilx l-istatus legali tagħhom. L-aċċess għal, u l-użu mill-ġdid ta' din id-data għandhom jiġu żgurati

sabiex jiġi rispettati id-dritt fundamentali ta' aċċess għall-kultura, l-informazzjoni u l-edukazzjoni.

Emenda 8

**Proposta għal direttiva
Premessa 9a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9a) L-iskoperta, id-diġitalizzazzjoni u l-preżentazzjoni ta' beni kulturali huma sfidi kbar biex jiġi żgurati l-aċċess ta' kulħadd għall-kultura, it-tagħrif u l-edukazzjoni. Huwa importanti għalhekk li nagħżlu utilizzazzjoni għaliha tal-beni kulturali li tiffaċilita l-aċċess tal-pubbliku għall-patrimonju kulturali, filwaqt li jittqies il-fatt li l-beni kulturali mhumiex beni ekonomiċi bħall-oħrajn u li għandhom jiġu mħarsa minn kummerċjalizzazzjoni eċċessiva. L-istituzzjonijiet kulturali li huma ttrattati minn din id-Direttiva għandhom jiġu appoġġjati mill-awtoritajiet pubbliċi permezz tal-istabbiliment ta' fondi pubbliċi għad-diġitalizzazzjoni u t-tixrid tad-data.

Emenda 9

**Proposta għal direttiva
Premessa 10**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10) Il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva titwessa' għal-libreriji (inklużi l-libreriji universitarji), għall-mużewijiet u għall-arkivji. Id-Direttiva ma tapplikax għal istituzzjonijiet kulturali oħrajn, bħal operi, ċentri tal-ballet jew teatri, inklużi l-arkivji li jkunu parti minn dawn l-istituzzjonijiet.

(10) Il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva titwessa' għal-libreriji (inklużi l-libreriji universitarji), għall-mużewijiet u għall-arkivji *filwaqt li jitħeġġeġ l-użu ta' virtwalizzazzjoni tas-siti storiċi bil-għan li jiġi ssemplifikat l-aċċess għal dan it-tip ta' tagħrif.* Id-Direttiva ma tapplikax għal *stabbilimenti ta' riċerka u edukattivi jew għal* istituzzjonijiet kulturali oħrajn, bħal

operi, ċentri tal-ballet jew teatri, inklużi l-arkivji li jkunu parti minn dawn l-istituzzjonijiet.

Emenda 10

Proposta għal direttiva Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10a) Peress li l-użu mill-ġdid ta' dokumenti li jinsabu f'idejn libreriji (inklużi l-libreriji tal-universitajiet), mużewijiet u arkivji joffri potenzjal soċjali u ekonomiku sostanzjali għall-industrija kulturali u kreattivi, kif ukoll għas-soċjetà permezz tal-estensjoni tal-kollezzjoni tal-Ewropeana, id-diġitalizzazzjoni li għaddejja bħalissa tal-kollezzjonijiet kulturali Ewropej għandha tiġi promossa.

Emenda 11

Proposta għal direttiva Premessa 10b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10b) Ċerta data personali li tinsab f'dokumenti arkivjali li hija s-suġġett ta' projbizzjoni ta' kwalunkwe diskriminazzjoni għandha tiġi eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/98/KE jew, fil-każ fejn il-leġiżlazzjoni li hemm fis-seħħ timponi l-komunikazzjoni tagħha, għandha ssir anonima jew id-data li tirrigwarda lill-persuni għandha tinħeba qabel kwalunkwe użu.

Emenda 12

Proposta għal direttiva Premessa 10c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10c) Fir-rigward tad-deskrizzjoni, id-diġitalizzazzjoni u l-preżentazzjoni ta' kollezzjonijiet kulturali, hemm diversi ftehimiet ta' kooperazzjoni bejn libreriji (inklużi l-libreriji universitarji), mużewijiet, arkivji u sħab privat, li jinvolvu lill-entitajiet tas-settur pubbliku fl-għoti ta' drittijiet esklussivi ta' aċċess u utilizzazzjoni kummerċjali lis-sħab kooperattiv. Il-prattika wriet li dawn is-sħubiji pubbliċi-privati jistgħu jippermettu użu sinifikanti tal-kollezzjonijiet kulturali u fl-istess waqt iżidu l-aċċess għall-partrimonju kulturali għaċ-ċittadin. Għaldaqstant id-Direttiva 2003/98/KE m'għandhiex teskludi l-konklużjoni ta' ftehimiet għall-għoti ta' drittijiet esklussivi. Barra minn hekk l-istituzzjonijiet kulturali għandu jkollhom il-libertà li jagħżlu huma stess is-sħab li jixtiequ jikkooperaw magħhom, b'konformità mal-prinċipji tat-trasparenza u tan-nondiskriminazzjoni.

Emenda 13

Proposta għal direttiva Premessa 10d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10d) Id-data f'idejn l-istabbilimenti edukattivi u ta' riċerka għandha tibqa' barra l-ambitu tad-Direttiva 2003/98/KE.

Emenda 14

Proposta għal direttiva Premessa 10e (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10e) *Ix-xandir tas-servizz pubbliku għandu jibqa' eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/98/KE.*

Emenda 15

Proposta għal direttiva Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(11) Biex jiġi ffaċilitat l-użu mill-ġdid tal-PSI, l-entitajiet tas-settur pubbliku għandhom iqiegħdu dokumenti għad-dispożizzjoni permezz ta' formati li jinqraw elettronikament, u flimkien mal-metadejta tagħhom fejn possibbli u xieraq, f'format li jiżgura l-interoperabbiltà eċċ., billi jipproċessawhom b'mod konsistenti mal-prinċipji tar-rekwiżiti ta' kompatibbiltà u *użabbiltà* għall-informazzjoni spazjali skont id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Infomazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (Inspire).

(11) Biex jiġi ffaċilitat l-użu mill-ġdid tal-PSI, l-entitajiet tas-settur pubbliku għandhom iqiegħdu dokumenti għad-dispożizzjoni permezz ta' formati ***teknoloġikament newtrali*** li jinqraw elettronikament, u flimkien mal-metadejta tagħhom fejn possibbli u xieraq, f'format li jiżgura l-interoperabbiltà eċċ., billi jipproċessawhom b'mod konsistenti mal-prinċipji tar-rekwiżiti ta' kompatibbiltà u *ta' użu* għall-informazzjoni spazjali skont id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Infomazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (Inspire).

Emenda 16

Proposta għal direttiva Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(12) Fejn jiġu imposti tariffi għall-użu mill-ġdid ta' dokumenti, fil-prinċipju, għandhom ikunu limitati għall-ispejjeż

(12) Fejn jiġu imposti tariffi għall-użu mill-ġdid ta' dokumenti, fil-prinċipju, għandhom ikunu limitati għall-ispejjeż

marġinali mġarrba bir-riproduzzjoni u t-tixrid tagħhom, sakemm ma jkunx iġġustifikat mod ieħor skont l-għan, it-trasparenza jew kriterji li jistgħu jiġi vverifikati. Għandha titqies b'mod partikulari l-ħtieġa li ma jittfixkilx il-funzjonament normali ta' dawk entitajiet tas-settur pubbliku li jkopru parti sostanzjali tal-ispejjeż tal-operat immissla mill-qadi tal-kompitu pubbliku tagħhom, billi jittellef l-isfruttar tad-drittijiet tagħhom tal-proprjetà intellettuali.

Għandu jkun f'idejn l-entità tas-settur pubbliku li tkun qiegħda timponi tariffa għall-użu mill-ġdid tad-dokumenti, li tagħti evidenza li t-tariffi huma msejsa fuq l-ispejjeż, u li tikkonforma ma' limiti rilevanti.

Emenda 17

Proposta għal direttiva Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

(14) L-implimentazzjoni tajba ta' wħud mill-elementi ta' din id-Direttiva, ngħidu aħna l-mezzi ta' rikors, il-konformità mal-prinċipji tat-tariffar, u l-obbligi ta' rappurtar, jeħtieġu monitoraġġ minn awtoritajiet indipendenti b'kompetenza fl-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku. Biex tiġi żgurata l-konsistenza fost l-approċċi fuq il-livell tal-Unjoni, għandha titħeġġeġ il-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet indipendenti, b'mod partikulari bl-iskambju ta' tagħrif dwar l-aqwa prassi u l-politiki ta' użu mill-ġdid tad-dejta.

marġinali mġarrba bir-riproduzzjoni, ***il-forniment*** u t-tixrid tagħhom, sakemm ma jkunx iġġustifikat mod ieħor skont l-għan, it-trasparenza jew kriterji li jistgħu jiġi vverifikati. Għandha titqies b'mod partikulari l-ħtieġa li ma jittfixkilx il-funzjonament normali ta' dawk entitajiet tas-settur pubbliku li jkopru parti sostanzjali tal-ispejjeż tal-operat immissla mill-qadi tal-kompitu pubbliku tagħhom, billi jittellef l-isfruttar tad-drittijiet tagħhom tal-proprjetà intellettuali.

Emenda

(14) L-implimentazzjoni tajba ta' wħud mill-elementi ta' din id-Direttiva, ngħidu aħna l-mezzi ta' rikors, ***partikolarment għal individwi fil-qasam tal-ħarsien tad-data***, il-konformità mal-prinċipji tat-tariffar, u l-obbligi ta' rappurtar, jeħtieġu monitoraġġ minn awtoritajiet indipendenti b'kompetenza fl-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku. ***Hija r-responsabbiltà tal-Istati Membri li jiġtrasferixxu din il-funzjoni lil awtorità korrispondenti.*** Biex tiġi żgurata l-konsistenza fost l-approċċi fuq il-livell tal-Unjoni, għandha titħeġġeġ il-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet indipendenti, b'mod partikulari bl-iskambju ta' tagħrif dwar l-aqwa prassi u l-politiki ta' użu mill-ġdid tad-dejta.

Ġustifikazzjoni

It-twaqqif ta' awtorità regolatorja indipendenti tmur kontra l-isforzi tal-Istati Membri lejn tnaqqis fil-burokrazija u l-konsolidament tal-baġits u tintervjeni sew mingħajr hteieġa fis-setgħa ta' organizzazzjoni tal-Istati Membri.

Emenda 18

Proposta għal direttiva Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

(15) Billi l-għan ta' din id-Direttiva, speċifikament l-iffaċilitar tal-ħolqien ta' prodotti u servizzi ta' informazzjoni bbażati fuq dokumenti tas-settur pubbliku, l-iżgurar tal-użu transkonfinali effiċjenti tad-dokumenti tas-settur pubbliku mill-kumpaniji privati għal prodotti u servizzi ta' informazzjoni b'valur miżjud, u ***l-limitazzjoni tat-tagħwiġ tal-kompetizzjoni fis-suq tal-Unjoni***, ma jistax jintlaħaq kif xieraq mill-Istati Membri u, għaldaqstant, u fid-dawl tal-ambitu intrinsikament pan-Ewropew tal-azzjoni proposta, jista' jintlaħaq aħjar fuq il-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulata fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità kif stipulat fl-istess Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkisbu dawk il-miri.

Emenda 19

Proposta għal direttiva Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni

(18) Il-Kummissjoni għandha tgħin lill-Istati Membri jimplementaw id-Direttiva

Emenda

(15) Billi l-għan ta' din id-Direttiva, speċifikament l-iffaċilitar tal-ħolqien ta' prodotti u servizzi ta' informazzjoni bbażati fuq dokumenti tas-settur pubbliku, l-iżgurar tal-użu transkonfinali effiċjenti tad-dokumenti tas-settur pubbliku ***min-naħa l-waħda*** mill-kumpaniji privati għal prodotti u servizzi ta' informazzjoni b'valur miżjud, u ***min-naħa l-oħra miċ-ċittadini sabiex jiġi ffaċilitat it-tixrid liberu tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni***, ma jistax jintlaħaq kif xieraq mill-Istati Membri u, għaldaqstant, u fid-dawl tal-ambitu intrinsikament pan-Ewropew tal-azzjoni proposta, jista' jintlaħaq aħjar fuq il-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulata fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità kif stipulat fl-istess Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkisbu dawk il-miri.

Emenda

(18) Il-Kummissjoni għandha tgħin lill-Istati Membri jimplementaw id-Direttiva

b'mod konsistenti billi *tkun ta' gwida*, partikularment fejn jidħlu t-tariffi u l-kalkolu tal-ispejjeż, il-kundizzjonijiet rakkomandati tal-liċenzjar, u l-formati tad-dejta, wara li tkun ikkonsultata mal-partijiet interessati.

b'mod konsistenti billi *tagħmel proposti u tistabilixxi linji gwida*, partikularment fejn jidħlu t-tariffi u l-kalkolu tal-ispejjeż, il-kundizzjonijiet rakkomandati tal-liċenzjar, u l-formati tad-dejta, wara li tkun ikkonsultata mal-partijiet interessati.

Emenda 20

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 2

Direttiva 2003/98/KE

Artikolu 2 – punt 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) "Li jinqara elettronikament" tfisser li dokumenti diġitali jkunu strutturati b'mod *xieraq biex* applikazzjonijiet tas-softwer ikunu jistgħu *jidentifikaw b'mod affidabbli dikjarazzjonijiet* individwali *ta' fatt u l-istruttura interna tagħhom*."

Emenda

(6) "Li jinqara elettronikament" tfisser li dokumenti diġitali jkunu strukturati b'mod *sabiex* applikazzjonijiet tas-softwer ikunu jistgħu *jottienu b'mod teknoloġikament newtrali, data* individwali *li tkun ta' interess*."

Emenda 21

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 3

Direttiva 2003/98/KE

Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) Soġġett għall-paragrafu (2), l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dokumenti msemmija fl-Artikolu 1 ikunu jistgħu jintużaw mill-ġdid għal finijiet kummerċjali u mhux kummerċjali, skont il-kundizzjonijiet stipulati fil-Kapitoli III u IV.

Emenda

(1) Soġġett għall-paragrafu (2), l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dokumenti *tal-entitajiet tas-settur pubbliku* msemmija fl-Artikolu 1 ikunu jistgħu jintużaw mill-ġdid għal finijiet kummerċjali u mhux kummerċjali, skont il-kundizzjonijiet stipulati fil-Kapitoli III u IV, *bil-kundizzjoni li skont ir-regolamenti eżistenti tal-Istati Membri dwar l-aċċess għall-informazzjoni tas-settur pubbliku, dawn huma dokumenti kklassifikati bħala aċċessibbli. Kemm jista' jkun, dawn id-dokumenti għandhom jinxterdu f'format teknoloġikament newtrali li jinqara*

Emenda 22

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 3

Direttiva 2003/98/KE

Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) Għad-dokumenti li l-libreriji (inklużi l-libreriji universitarji), il-mużewijiet u l-arkivji jkollhom id-drittijiet tal-proprjetà intellettuali tagħhom, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fejn ikun permess l-użu mill-ġdid tad-dokumenti, id-dokumenti jkunu jistgħu jintużaw għal finijiet kummerċjali u mhux kummerċjali, skont il-kundizzjonijiet stipulati fil-Kapitoli III u IV.

Emenda

(2) Għad-dokumenti li l-libreriji (inklużi l-libreriji universitarji), il-mużewijiet u l-arkivji jkollhom id-drittijiet tal-proprjetà intellettuali tagħhom, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fejn ikun permess l-użu mill-ġdid tad-dokumenti, id-dokumenti jkunu jistgħu jintużaw għal finijiet kummerċjali u mhux kummerċjali, skont il-kundizzjonijiet stipulati fil-Kapitoli III u IV, ***bil-kundizzjoni li skont ir-regolamenti eżistenti tal-Istati Membri dwar l-aċċess għall-informazzjoni tas-settur pubbliku, dawn huma dokumenti kklassifikati bħala aċċessibbli. Kemm jista' jkun, dawn id-dokumenti għandhom jinxterdu f'format teknoloġikament newtrali li jinqara elettronikament.***

Emenda 23

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 4 – paragrafu 2

Direttiva 2003/98/KE

Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

(2) ***Fi tmiem il-paragrafu 4, tiżdied is-sentenza li ġejja:***

"Il-miżuri ta' rikors għandhom jinkludu l-possibbiltà ta' reviżjoni minn awtorità indipendenti li tingħata setgħat regolatorji speċifiċi fir-rigward tal-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku, u li d-deċizzjonijiet tagħha jkunu vinkolanti

Emenda

(2) ***Il-paragrafu 4 jinbidel b'li ġej:***

'4. Kull deċiżjoni negattiva għandu jkun fiha referenza għall-mezz ta' rimedju fil-każ li l-applikant ikun jixtieq jappella kontra d-deċiżjoni. Il-miżuri ta' rikors għandhom jinkludu referenza dwar il-possibbiltà ta' reviżjoni minn awtorità fl-

*għall-entità tas-settur pubbliku
kkonċernata."*

Istati Membri."

Emenda 24

**Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt 5**
Direttiva 2003/98/KE
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. *Fil-paragrafu 1, il-kliem "b'mod elettroniku" jinbidel bil-kliem "f'format li jinqara elettronikament, flimkien mal-metadejta korrispondenti."*

Emenda

1. *Il-paragrafu 1 jinbidel b'li ġej:*

'1. Il-korpi tas-settur pubbliku għandhom jagħmlu d-dokumenti tagħhom disponibbli fil-formati jew il-lingwi eżistenti minn qabel u, fejn possibbli u xieraq, f'format teknoloġikament newtrali li jinqara elettronikament, flimkien mal-metadejta korrispondenti. Dan ma għandux jimplika xi obbligu għall-korpi tas-settur pubbliku li joħolqu, jiddiġitalizzaw jew jadattaw dokumenti jew jagħmluhom f'formati li jinqaraw elettronikament b'mod teknoloġikament newtrali sabiex jikkonformaw mat-talba, lanqas ma għandu jimplika xi obbligu li jiġu provduti estratti minn dokumenti fejn dan ikun jinvolvi sforz sproporzjonat, li jmur 'l hinn minn operazzjoni sempliċi.'

Emenda 25

**Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt 6 – paragrafu 1**
Direttiva 2003/98/KE
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) Fejn jiġu imposti tariffi għall-użu mill-

Emenda

(1) Fejn jiġu imposti tariffi għall-użu mill-

ġdid tad-dokumenti, l-ammont totali impost mill-entitajiet tas-settur pubbliku għandu jkun limitat għall-ispejjeż marġinali mġarrba bir-riproduzzjoni u t-tixrid."

ġdid tad-dokumenti, l-ammont totali impost mill-entitajiet tas-settur pubbliku għandu jkun limitat għall-ispejjeż marġinali mġarrba bir-riproduzzjoni, *il-forniment* u t-tixrid."

Emenda 26

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 6 – paragrafu 1

Direttiva 2003/98/KE

Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) 2. F'każijiet eċċezzjonali, partikularment fejn l-entitajiet tas-settur pubbliku jiġġeneraw parti sostanzjali mill-ispejjeż tal-operat tagħhom, marbutin mal-qadi tal-kompiti ta' servizz pubbliku tagħhom, mill-isfruttar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali tagħhom, l-entitajiet tas-settur pubbliku jistgħu jitħallew jimponu tariffi għall-użu mill-ġdid tad-dokumenti 'l fuq mill-ispejjeż marġinali, skont l-għan, it-trasparenza u kriterji verifikabbli, sakemm dan ikun fl-interess pubbliku u soġġett għall-approvazzjoni tal-awtorità indipendenti msemmija fl-Artikolu 4(4), u mingħajr ħsara għall-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-Artikolu."

Emenda

(2) Il-paragrafu 1 m'għandux japplika għal:

(a) każijiet eċċezzjonali li fihom l-entitajiet tas-settur pubbliku jeħtiġilhom jagħmlu l-qligħ sabiex ikopru parti kbira mill-ispejjeż li ġarrbu biex jissodisfaw il-kompitu pubbliku tagħhom;

(b) libreriji (inklużi libreriji universitarji), mużewijiet u arkivji.

Ġustifikazzjoni

Fil-każ ta' użu mill-ġdid kummerċjali, l-entitajiet tas-settur pubbliku għandhom ikunu jistgħu jimponu tariffi li jkopru l-ispejjeż, sabiex jilħqu n-nefqa li tirriżulta mid-distribuzzjoni tad-data u sabiex jevitaw l-effetti negattivi fuq il-kwalità tal-informazzjoni tas-settur pubbliku u fuq il-kapaċità ta' investiment. Il-libreriji (inklużi libreriji universitarji), il-mużewijiet u l-

arkivji, xi drabi jkollhom jiffinanzjaw l-operat tagħhom huma stess. F'każ li dan l-introjt u jintilef, se jirriżulta defiċit għoli fil-baġit kulturali tal-Istati Membri.

Emenda 27

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 6 – paragrafu 1

Direttiva 2003/98/KE

Artikolu 6 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3) Minkejja l-paragrafi 1 u 2, il-libreriji (inklużi l-libreriji universitarji), il-mużewijiet u l-arkivji jistgħu jimponu tariffi 'l fuq mill-ispejjeż marġinali għall-użu mill-ġdid tad-dokumenti li jaħżnu."

imħassar

Emenda 28

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 6 – paragrafu 2

Direttiva 2003/98/KE

Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2) It-test tal-Artikolu 6 isir il-paragrafu 4.

(2) It-test tal-Artikolu 6 isir il-paragrafu 4 u jkun jinqara kif ġej:

"4. Fejn jintalab ħlas skont il-paragrafu 2, il-volum totali tagħhom irid jiġi stabbilit permezz ta' kriterji oġġettivi, trasparenti u varjabbli, u d-dħul totali mnissel mill-provvista u mill-awtorizzazzjoni tal-użu mill-ġdid ta' dawn id-dokumenti ma għandux jisboq in-nefqa tal-ġbir, produzzjoni, riproduzzjoni, forniment u tixrid, filwaqt li jippermetti dħul raġonevoli fuq l-investment li jkun jaqbel mal-eżerċizzju tal-kompiti pubbliċi tal-korpi u tal-istituzzjonijiet. Fil-każ ta' proġetti li l-finijiet tagħhom huma purament kummerċjali, id-dħul minn dawn il-ħlasijiet mitluba għandu jiġi investit skont kriterji oġġettivi u trasparenti li ma

jkunux ta' detriment għall-interess ġenerali. Il-ħlasijiet skont il-paragrafu 1 u l-paragrafu 2, għandhom ikunu orjentati skont in-nefqa matul il-perjodu xieraq ta' kontabilità u kalkolati skont il-prinċipji ta' kontabilità applikabbli għall-korpi tas-settur pubbliku involuti."

Emenda 29

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 6 – paragrafu 2a (ġdid)

Direttiva 2003/98/KE

Artikolu 6 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Għandu jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

'4a. "Hija responsabilità tal-Istati Membri li jaħtru awtorità nazzjonali adegwata u kompetenti sabiex tikkontrolla l-konformità mal-kriterji għall-kalkolu tal-ħlasijiet imsemmija f'paragrafu 4."

Emenda 30

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 6 – paragrafu 3

Direttiva 2003/98/KE

Artikolu 6 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3) Jiddaħħal il-paragrafu 5 ġdid:

imħassar

"Jibqa' f'idejn l-entità tas-settur pubbliku li tkun qiegħda timponi tariffi għall-użu mill-ġdid, li tagħti evidenza li t-tariffi jikkonformaw ma' dan l-Artikolu."

Emenda 31

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 7

Direttiva 2003/98/KE

Artikolu 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Fl-Artikolu 7 (It-trasparenza), ***jiddaħħal il-kliem "l fuq mill-ispejjeż marġinali jew" wara l-kliem "il-kalkolu tat-tariffi".***

Emenda

(7) Fl-Artikolu 7 (It-trasparenza), ***it-tielet sentenza tiġi sostitwita b'dan li ġej:***

"Is-settur pubbliku inkwistjoni għandu wkoll jindika liema fatturi għandu jingħata kont tagħhom fil-kalkolazzjoni tal-ħlasijiet skont l-Artikolu 6."

Emenda 32

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 8 – paragrafu 1

Direttiva 2003/98/KE

Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

"L-entitajiet tas-settur pubbliku jistgħu jippermettu l-użu mill-ġdid mingħajr kundizzjonijiet, jew jistgħu *jimponi* kundizzjonijiet, ***bħall-indikazzjoni tas-sors***, fejn xieraq permezz ta' liċenzja. Dawn il-kundizzjonijiet ma għandhomx jirrestrinġu bla bżonn il-possibbiltajiet għall-użu mill-ġdid, u ma għandhomx jintużaw biex jirrestrinġu l-kompetizzjoni."

Emenda

L-entitajiet tas-settur pubbliku jistgħu jippermettu l-użu mill-ġdid ***ta' dokumenti*** mingħajr kundizzjonijiet, jew jistgħu *jimponu* kundizzjonijiet, fejn xieraq permezz ta' liċenzja ***li ttratta kwistjonijiet rilevanti***. Dawn il-kundizzjonijiet ma għandhomx jirrestrinġu bla bżonn il-possibbiltajiet għall-użu mill-ġdid, u ma għandhomx jintużaw biex jirrestrinġu l-kompetizzjoni.

Emenda 33

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 9

Direttiva 2003/98/KE

Artikolu 9

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom ***jiżguraw li jkunu implimentati*** arranġamenti prattiċi ***li jiffaċilitaw it-tiftix, b'isna differenti***, għad-dokumenti disponibbli għall-użu mill-ġdid, bħal listi ta' dokumenti ewlenin bil-metadejta rilevanti, preferibbilment aċċessibbli ***fuq l-internet u*** f'format li jinqara elettronikament, u siti u portali li jkollhom ħolqa għal listi ***deċentralizzati*** ta' assi."

Emenda

L-Istati Membri għandhom ***jagħmlu*** arranġamenti prattiċi ***biex jiġi ffaċilitat it-tiftix*** għad-dokumenti disponibbli għall-użu mill-ġdid ***madwar l-Unjoni***, bħal listi ta' dokumenti ewlenin bil-metadejta rilevanti, preferibbilment aċċessibbli f'format ***teknoloġikament newtrali*** li jinqara elettronikament, u siti u portali li jkollhom ħolqa għal listi ta' assi."

Ġustifikazzjoni

L-introduzzjoni ta' possibilitajiet ta' tiftix b'isna differenti huwa sinifikanti u diġà qed jiġu offruti fuq bażi volontarja. Madankollu, fid-dawl tas-sitwazzjoni finanzjarja tas-settur pubbliku, l-introduzzjoni ta' rekwiżit ġenerali sabiex tali għażla ta' tiftix jiġi pprovdut dejjem f'lingwi Ewropej oħra, se jkun marbut ma' spejjeż sproporzjonalment għoljin.

Emenda 34

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt 9a (ġdid)
Direttiva 2003/98/KE
Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9a) Fl-Artikolu 11, il-paragrafu 2 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

'2. "Minkejja l-paragrafu 1, fejn dritt esklussiv ikun meħtieġ għall-provvista ta' servizz fl-interess pubbliku, il-validità tal-arranġament ta' dritt esklussiv għandha tkun suġġetta għal reviżjoni regolari, u għandha, f'kull każ, tiġi riveduta kull erba' snin. L-arranġamenti esklussivi stabbiliti wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva għandhom ikunu suġġetti għall-prinċipju ta' trasparenza u jkunu magħmula pubbliċi mill-entitajiet tas-settur pubbliku kkonċernati."

Emenda 35

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 9b (ġdid)

Direttiva 2003/98/KE

Artikolu 11 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9b) Fl-Artikolu 11, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

‘2a. "Minkejja l-paragrafu 1, fejn dritt esklussiv jingħata b'rabta mal-isfruttar kummerċjali neċessarju għad-diġitalizzazzjoni ta' kollezzjonijiet kulturali, l-isfruttar kummerċjali ma jistax ikun ta' aktar minn seba' snin. Tul dan iż-żmien, id-dritt esklussiv ma jehriegħlux ikun suġġett għal reviżjoni. L-arranġamenti esklussivi stabbiliti wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva għandhom ikunu trasparenti u magħmula pubbliċi."

Emenda 36

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 10

Direttiva 2003/98/KE

Artikolu 11 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10) Fl-Artikolu 11 (il-projbizzjoni tal-arranġamenti esklussivi), ***tiżdied is-sentenza li ġejja fi tmiem*** il-paragrafu 3:

"Madankollu, arranġamenti ta' dan it-tip li ***jinvolve l-istabbilimenti kulturali u l-libreriji tal-università għandhom jintemmu fi tmiem il-kuntratt, jew f'kull każ mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 20XX [sitt snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].***"

(10) Fl-Artikolu 11, (il-projbizzjoni tal-arranġamenti esklussivi), il-paragrafu 3 ***jiġi sostitwit b'dan li ġej:***

‘3. "L-arranġamenti eżistenti esklussivi li ma jikkwalifikawx għal eċċezzjoni taħt il-paragrafu 2 għandhom ikunu terminati fl-aħħar tal-kuntratt u f'kull każ mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2008. Madankollu, arranġamenti ta' dan it-tip li *jikkonċernaw libreriji (inklużi l-libreriji tal-università), mużewijiet u arkivji li ma jikkwalifikawx għal eċċezzjoni skont il-paragrafi 2 jew*

2a, għandhom jintemmu fi tmiem il-kuntratt, jew f'kull każ mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 20XX [sitt snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]."

Emenda 37

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 12 – parti introduttorja

Direttiva 2003/98/KE

Artikolu 13 - paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

(12) Fl-Artikolu 13 (Reviżjoni), *id-data tal-1* ta' Lulju 2008 *tinbidel bid-data [tliet snin wara d-data **tat-traspożizzjoni**]*, u jiżdied il-paragrafu li ġej:

Emenda

(12) Fl-Artikolu 13(1)(Reviżjoni) *il-kliem, "l-1 ta' Lulju 2008" jinbidel [5 snin wara d-data **tad-dħul fis-seħħ ta' din id-direttiva**]*, u jiżdied il-paragrafu li ġej:

Emenda 38

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 12

Direttiva 2003/98/KE

Artikolu 13 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

"L-Istati Membri għandhom iressqu rapport **ta'** kull **sena** lill-Kummissjoni dwar l-ammont ta' użu mill-ġdid li jkun sar mill-informazzjoni tas-settur pubbliku, il-kundizzjonijiet li skonthom issir disponibbli, u l-ħidma tal-awtorità indipendenti msemmija fl-Artikolu 4(4)."

Emenda

(2a) "L-Istati Membri għandhom iressqu rapport lill-Kummissjoni kull **sentejn** dwar l-ammont ta' użu mill-ġdid li jkun sar mill-informazzjoni tas-settur pubbliku, il-kundizzjonijiet li skonthom issir disponibbli, u l-ħidma tal-awtorità indipendenti msemmija fl-Artikolu 4(4)."

Ġustifikazzjoni

*L-għan ta' rapport obbligatorju annwali mhuwiex ċar billi mhuwiex mistenni li jsir tibdil fi żmien **sena** fil-fatturi suġġetti għar-rekwiżit ta' rappurtar, u dan se jimponi piż addizzjonali sproporzjonat fuq l-entitajiet tas-settur pubbliku.*

PROCĊEDURA

Titolu	Emenda tad-Direttiva 2003/98/KE dwar l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku	
Referenzi	COM(2011)0877 – C7-0502/2011 – 2011/0430(COD)	
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 15.12.2011	
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	CULT 15.12.2011	
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Sabine Verheyen 24.1.2012	
Eżami fil-kumitat	27.3.2012	29.5.2012
Data tal-adozzjoni	10.7.2012	
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 21 –: 5 0: 2	
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Malika Benarab-Attou, Lothar Bisky, Piotr Borys, Jean-Marie Cavada, Santiago Fisas Aixela, Lorenzo Fontana, Mary Honeyball, Petra Kammerevert, Morten Løkkegaard, Emma McClarkin, Emilio Menéndez del Valle, Katarína Neveďalová, Doris Pack, Chrysoula Paliadeli, Marie-Thérèse Sanchez-Schmid, Marietje Schaake, Marco Scurria, Emil Stoyanov, Hannu Takkula, László Tőkés, Helga Trüpel, Marie-Christine Vergiat, Sabine Verheyen, Milan Zver	
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Ivo Belet, Nessa Childers, Nadja Hirsch, Iosif Matula, Mitro Repo	
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Evžen Tošenovský	

15.10.2012

11.10.2012

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJET LEGALI

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/98/KE dwar l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (COM(2011)0877 – C7-0502/2011 – 2011/0430(COD))

Rapporteur: Marielle Gallo

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-proposta għal direttiva tidħol fil-qafas tal-Aġenda Diġitali għall-Ewropa. Fil-fatt, l-informazzjoni tas-settur pubbliku tista' tintuża għall-iżvilupp ta' prodotti u servizzi diġitali ġodda u tirrapreżenta sors kbir ta' tkabbir potenzjali li ma ġiex suffiċjentement sfruttat mill-Istati Membri.

Ir-rapporteur tilqa' l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea li ġiet f'waqtha peress li issa l-internet huwa meqjuż aktar bħala internet ta' data milli internet ta' informazzjoni u ta' għarfien.

Għal dak li jikkonċerna l-kontenut tal-proposta għal direttiva, fil-ġustifikazzjoni fil-qosor tagħha, ir-rapporteur tixtieq tenfasizza fuq il-punti li ġejjin:

1. Il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva

Għandu jingħad li d-dokumenti li mhumiex aċċessibbli minħabba raġunijiet ta' protezzjoni ta' data personali huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva.

2. Definizjonijiet

Sabiex jiġi ffaċilitat l-użu mill-ġdid tagħha, l-informazzjoni tas-settur pubbliku għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni permezz ta' formati teknoloġikament newtrali u li jistgħu jinqraw elettronikament. Għandu jiġi evitat, fejn dan ikun possibbli, il-ħtieġa ta' xi teknoloġija speċifika għall-ipproċessar tad-dokumenti.

3. Tariffi

Il-kwistjoni tat-tariffi hija kwistjoni prinċipali għas-suċċess tal-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku. Jekk l-ammont tat-tariffi stabbiliti huwa wisq għoli, l-ispiża tal-iżvilupp ta' prodotti u servizzi diġitali ġodda se tkun projbittiva għall-impriżi, b' mod partikolari għall-kumpanniji li għadhom jibdew u l-SMEs. Min-naħa l-oħra, ċerti entitajiet tas-settur pubbliku jidderivaw parti mill-introjtu tagħhom mill-isfruttament tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali tagħhom.

Ir-rapporteur hija konxja mill-fatt li jrid jinstab ekwilibriju bejn dawn iż-żewġ objettivi: iż-żieda fl-użu mill-ġdid ta' informazzjoni pubblika, minn naħa u, il-finanzjament tal-missjonijiet ta' servizz pubbliku ta' ċerti entitajiet, min-naħa l-oħra. Ir-rapporteur tipproponi li tinżamm il-possibbiltà għal ċerti entitajiet pubbliċi kif ukoll għal-libreriji, il-mużewijiet u l-arkivji li jimponu tariffi li jkunu oġġla mill-ispejjeż marġinali tar-riproduzzjoni u t-tqegħid għad-dispożizzjoni, fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi, trasparenti u verifikabbli u din il-possibbiltà tkun suġġetta għall-approvazzjoni tal-awtorità nazzjonali kompetenti fil-qasam ta' sorveljanza tal-użu mill-ġdid ta' informazzjoni tas-settur pubbliku.

4. Awtorità indipendenti inkarigata mis-sorveljanza tal-użu mill-ġdid ta' informazzjoni tas-settur pubbliku

Fl-aħħarnett, ir-rapporteur tqis li l-ħolqien ta' awtorità amministrattiva ġdida mhijiex neċessarja għas-sorveljanza tal-użu mill-ġdid ta' informazzjoni tas-settur pubbliku. L-Istati Membri jistgħu jinkarigaw awtorità eżistenti sabiex twettaq din il-funzjoni.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal direttiva Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Għaldaqstant, id-Direttiva 2003/98/KE għandha tistipula l-obbligu ċar li l-Istati Membri joffru d-dokumenti kollha ġeneralment disponibbli għall-użu mill-ġdid tagħhom. **Billi dan jikkostitwixxi limitazzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali tal-awturi tad-dokumenti, l-ambitu ta' tali rabta bejn id-dritt tal-aċċess u d-dritt tal-użu mill-ġdid għandu jitqassar biex ikopru biss dak li hu**

Emenda

(7) Għaldaqstant, id-Direttiva 2003/98/KE għandha tistipula l-obbligu ċar li l-Istati Membri joffru d-dokumenti kollha ġeneralment disponibbli għall-użu mill-ġdid tagħhom. **Dan l-obbligu ma japplikax għad-dokumenti li, skont ir-regoli ta' aċċess fis-seħħ fl-Istati Membri, mhumiex aċċessibbli kif ukoll għall-eċċezzjonijiet previsti f'din id-direttiva.**

strettament meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet imfittxija minn din l-introduzzjoni. F'dan ir-rigward, fid-dawl tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u tal-obbligi internazzjonali tal-Istati Membri u tal-Unjoni, speċifikament skont il-Konvenzjoni ta' Bern għall-Protezzjoni tax-Xogħlijiet Letterarji u Artistiċi u l-Ftehim dwar l-Aspetti Marbutin mal-Kummerċ tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali (il-Ftehim TRIPS), id-dokumenti li partijiet terzi jżommu drittijiet tal-proprjetà intellettwali fuqhom għandhom jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/98/KE. Fil-każ li parti terza kienet is-sid inizjali ta' dokument miżmum minn libreriji (inklużi l-libreriji universitarji), mużewijiet jew arkivji, li jkun għadu protett bid-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, għall-finijiet ta' din id-Direttiva, dak id-dokument għandu jitqies li partijiet terzi jżommu drittijiet tal-proprjetà intellettwali fuqu.

Emenda 2

Proposta għal direttiva Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(7a) Fid-dawl tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u tal-obbligi internazzjonali tal-Istati Membri u tal-Unjoni, speċifikament skont il-Konvenzjoni ta' Bern għall-Protezzjoni tax-Xogħlijiet Letterarji u Artistiċi u l-Ftehim dwar l-Aspetti Marbutin mal-Kummerċ tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali (il-Ftehim TRIPS), id-dokumenti li partijiet terzi jżommu drittijiet tal-proprjetà intellettwali fuqhom għandhom jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/98/KE. Fil-każ li parti terza kienet is-sid inizjali ta' dokument miżmum minn libreriji (inklużi l-libreriji universitarji),

mużewijiet jew arkivji, li jkun għadu protett bid-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, għall-finijiet ta' din id-Direttiva, dak id-dokument għandu jitqies li partijiet terzi jżommu drittijiet ta' proprjetà intellettwali fuqu.

Emenda 3

Proposta għal direttiva Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

(10) Il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva titwessa' għal-libreriji (inklużi l-libreriji universitarji), għall-mużewijiet u għall-arkivji. Id-Direttiva ma tapplikax għal istituzzjonijiet kulturali oħrajn, bħal operi, ċentri tal-ballet jew teatri, inklużi l-arkivji li jkunu parti minn dawn l-istituzzjonijiet.

Emenda

(10) Il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva titwessa' għal-libreriji (inklużi l-libreriji universitarji), għall-mużewijiet u għall-arkivji. Id-Direttiva ma tapplikax għal istituzzjonijiet kulturali oħrajn, bħal operi, ċentri tal-ballet jew teatri, inklużi l-arkivji li jkunu parti minn dawn l-istituzzjonijiet, ***u lanqas għall-entitajiet ta' xandir ta' servizz pubbliku.***

Emenda 4

Proposta għal direttiva Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) Biex jiġi ffaċilitat l-użu mill-ġdid tal-PSI, l-entitajiet tas-settur pubbliku għandhom iqiegħdu dokumenti għad-dispożizzjoni permezz ta' formati li jinqraw elettronikament, u flimkien mal-metadejta tagħhom fejn possibbli u xieraq, f'format li jiżgura l-interoperabbiltà eċċ., billi jipproċessawhom b'mod konsistenti mal-prinċipji tar-rekwiżiti ta' kompatibbiltà u użabbiltà għall-informazzjoni spazjali skont id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Infomazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea

Emenda

(11) Biex jiġi ffaċilitat l-użu mill-ġdid tal-PSI, l-entitajiet tas-settur pubbliku għandhom iqiegħdu dokumenti għad-dispożizzjoni permezz ta' formati ***teknoloġikament newtrali u*** li jinqraw elettronikament, u flimkien mal-metadejta tagħhom fejn possibbli u xieraq, f'format li jiżgura l-interoperabbiltà eċċ., billi jipproċessawhom b'mod konsistenti mal-prinċipji tar-rekwiżiti ta' kompatibbiltà u użabbiltà għall-informazzjoni spazjali skont id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Infomazzjoni

(Inspire).

Ġeografika fil-Komunità Ewropea
(INSPIRE).

Emenda 5

Proposta għal direttiva Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) Fejn jiġu imposti tariffi għall-użu mill-ġdid ta' dokumenti, fil-prinċipju, għandhom ikunu limitati għall-ispejjeż marġinali *mġarrba bir-riproduzzjoni u t-tixrid* tagħhom, *sakemm ma jkunx iġġustifikat mod ieħor skont l-għan, it-trasparenza jew kriterji li jistgħu jiġi vverifikati. Għandha titqies b'mod partikulari l-ħtieġa li ma jitfixkilx il-funzjonament normali ta' daw*k entitajiet tas-settur pubbliku li *jkopru* parti sostanzjali tal-ispejjeż tal-operat immissla mill-qadi *tal-kompitu pubbliku* tagħhom, *billi jittellef l-isfruttar* tad-drittijiet tagħhom *tal-proprjetà* intellettuali. Għandu jkun f'idejn l-entità tas-settur pubbliku li tkun qiegħda timponi tariffa għall-użu mill-ġdid tad-dokumenti, li tagħti evidenza li t-tariffi huma msejsa fuq l-ispejjeż, u li tikkonforma ma' limiti rilevanti.

Emenda 6

Proposta għal direttiva Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

(13) B'rabta ma' kwalunkwe użu mill-ġdid li jsir mid-dokument, fejn ikun vjabbli, l-entitajiet tas-settur pubbliku jistgħu jimponu kundizzjonijiet fuq l-utent mill-ġdid, pereżempju r-rikonoxximent tas-sors. Fi kwalunkwe każ, kull liċenzja għall-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur

Emenda

(12) Fejn jiġu imposti tariffi għall-użu mill-ġdid ta' dokumenti, **dawn tal-aħħar għandhom ikunu stabbiliti skont kriterji oġġettivi, trasparenti u verifikabbli li jiżguraw trattament ugwali. Huma** fil-prinċipju, għandhom ikunu limitati għall-ispejjeż marġinali **involuti fir-riproduzzjoni tad-dokumenti u t-tqiegħed għad-dispożizzjoni** tagħhom. **Madankollu, il-fatt li ċerti** entitajiet tas-settur pubbliku **jistgħu jiġġeneraw dħul li jkopri** parti sostanzjali tal-ispejjeż **tagħhom** tal-operat immissla mill-qadi **tal-kompiti pubbliċi** tagħhom, *mill-isfruttar* tad-drittijiet ta' *proprjetà* intellettuali tagħhom. **Dawn l-entitajiet u liberiji, mużewijiet u arkiviji wkoll għandhom ikunu jistgħu jimponu tariffi li jaqbżu l-ispejjeż marġinali ta' riproduzzjoni ta' dokumenti u ta' tqiegħid għad-dispożizzjoni tagħhom u li jippermettu dħul raġonevoli fuq investimen. Dawn it-tariffi għandhom jiġu ffixxati skont kriterji oġġettivi, trasparenti u verifikabbli li jiżguraw trattament ugwali.** Għandu jkun f'idejn l-entità tas-settur pubbliku li tkun qiegħda timponi tariffa għall-użu mill-ġdid tad-dokumenti, li tagħti evidenza li t-tariffi huma msejsa fuq l-ispejjeż, u li tikkonforma ma' limiti rilevanti.

Emenda

(13) B'rabta ma' kwalunkwe użu mill-ġdid li jsir mid-dokument, fejn ikun vjabbli, l-entitajiet tas-settur pubbliku jistgħu jimponu kundizzjonijiet fuq l-utent mill-ġdid, pereżempju r-rikonoxximent tas-sors. Fi kwalunkwe każ, kull liċenzja għall-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur

pubbliku għandha tqiegħed l-inqas restrizzjonijiet possibbli fuq l-użu mill-ġdid tal-PSI. Il-liċenzji miftuħin disponibbli fuq l-internet, li jagħtu drittijiet usa' tal-użu mill-ġdid mingħajr restrizzjonijiet teknoloġiċi, finanzjarji jew ġeografiċi, u li jistrieħu fuq formati ta' dejta miftuħin, **jistgħu** jiżvolġu rwol importanti wkoll f'dan ir-rigward. Għaldaqstant, l-Istati Membri għandhom iħeġġu l-użu tal-liċenzji ta' *governanza* miftuħa.

pubbliku għandha tqiegħed l-inqas restrizzjonijiet possibbli fuq l-użu mill-ġdid tal-PSI. Il-liċenzji miftuħin disponibbli fuq l-internet, li jagħtu drittijiet usa' tal-użu mill-ġdid mingħajr restrizzjonijiet teknoloġiċi, finanzjarji jew ġeografiċi, u li jistrieħu fuq formati ta' data miftuħin, **għandhom** jiżvolġu rwol importanti wkoll f'dan ir-rigward. Għaldaqstant, l-Istati Membri għandhom iħeġġu l-użu tal-liċenzji *tal-gvern* miftuħa **u l-liċenzjar tal-metadata tal-PSI għandu jsegwi l-istandards għall-ħruġ tal-liċenzji kif stabbilit minn pereżempju l-Europeana.**

Ġustifikazzjoni

Sabiex tiġi eliminata l-proliferazzjoni tal-liċenzji u d-differenzi persistenti u emerġenti bejn l-Istati Membri fl-isfruttament tal-informazzjoni dwar is-settur pubbliku, il-liċenzjar tal-metadata tal-PSI għandu jsegwi l-istandards għall-ħruġ tal-liċenzji kif stabbilit minn pereżempju l-Europeana, ara l-Istqarrija għall-Istampa tal-Europeana tat-12 ta' Settembru <http://goo.gl/inTkj>.

Emenda 7

Proposta għal direttiva Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

(14) L-implimentazzjoni tajba ta' wħud mill-elementi ta' din id-Direttiva, ngħidu aħna l-mezzi ta' rikors, il-konformità mal-prinċipji tat-tariffar, u l-obbligi ta' rappurtar, jeħtieġu monitoraġġ minn awtoritajiet **indipendenti** b'kompetenza fl-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku. **Biex tiġi żgurata l-konsistenza fost l-approċċi fuq il-livell tal-Unjoni, għandha titħeġġeġ il-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet indipendenti, b'mod partikulari bl-iskambju ta' tagħrif dwar l-aqwa prassi u l-politiki ta' użu mill-ġdid tad-dejta.**

Emenda

(14) L-implimentazzjoni tajba ta' wħud mill-elementi ta' din id-Direttiva, ngħidu aħna l-mezzi ta' rikors, il-konformità mal-prinċipji tat-tariffar, u l-obbligi ta' rappurtar, jeħtieġu monitoraġġ minn awtoritajiet b'kompetenza fl-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku. **L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw liema awtoritajiet għandhom ikunu kompetenti għall-monitoraġġ tal-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku**

Emenda 8

Proposta għal direttiva Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni

(17) Jeħtieġ li jiġi żgurat li l-Istati Membri (ara l-premessa 19) jirrappurtaw lill-Kummissjoni rigward l-ammont ta' użu mill-ġdid li jsir mill-informazzjoni tas-settur pubbliku, il-kundizzjonijiet li skonthom issir disponibbli, u l-ħidma tal-awtorità *indipendenti*. Biex tiġi żgurata l-konsistenza fost l-approċċi fuq il-livell tal-Unjoni, għandha titħeġġeġ il-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet indipendenti, b'mod partikulari bl-iskambju ta' tagħrif dwar l-aqwa prassi u l-politiki ta' użu mill-ġdid tad-dejta.

Emenda

(17) Jeħtieġ li jiġi żgurat li l-Istati Membri (ara l-premessa 19) jirrappurtaw lill-Kummissjoni rigward l-ammont ta' użu mill-ġdid li jsir mill-informazzjoni tas-settur pubbliku, il-kundizzjonijiet li skonthom issir disponibbli, u l-ħidma tal-awtorità *kompetenti għall-monitoraġġ tal-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku*. Biex tiġi żgurata l-konsistenza fost l-approċċi fuq il-livell tal-Unjoni, għandha titħeġġeġ il-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet indipendenti, b'mod partikulari bl-iskambju ta' tagħrif dwar l-aqwa prassi u l-politiki ta' użu mill-ġdid tad-dejta.

Emenda 9

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 1 – punt 1a (ġdid) Direttiva 2003/98/KE Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1a) Fil-paragrafu 2, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

'(b) dokumenti li fir-rigward tagħhom il-partijiet terzi għandhom drittijiet ta' proprjetà intellettwali, inklużi dokumenti miżmuma minn librerija universitarja li fir-rigward tagħhom l-università jkollha drittijiet ta' proprjetà intellettwali;'

Emenda 10

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 1 – punt 2

Direttiva 2003/98/KE
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

'(e) "(e) id-dokumenti miżmuma minn stabbilimenti tat-tagħlim jew tar-riċerka, **bħal faċilitajiet għar-riċerka**, inklużi, **fejn relevanti**, organizzazzjonijiet imwaqqfa għat-trasferiment ta' riżultati tar-riċerka, skejjel u universitajiet (għajr il-libreriji universitarji fir-rigward ta' dokumenti li ma jkunux ta' riċerka u protetti minn drittijiet tal-proprjetà intellettuali ta' partijiet terzi) u;"

Emenda 11

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt 1 – punt 3a (ġdid)
Direttiva 2003/98/KE
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda 12

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt 2
Direttiva 2003/98/KE
Artikolu 2 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. "li jinqara elettronikament" tfisser li dokumenti diġitali jkunu strutturati b'**mod xieraq biex applikazzjonijiet** tas-softwer

Emenda

'(e) id-dokumenti miżmuma minn stabbilimenti tat-tagħlim jew tar-riċerka inklużi organizzazzjonijiet imwaqqfa għat-trasferiment ta' riżultati tar-riċerka, skejjel u universitajiet (għajr il-libreriji universitarji fir-rigward ta' dokumenti li ma jkunux ta' riċerka u protetti minn drittijiet tal-proprjetà intellettuali ta' partijiet terzi) u,

Emenda

(3a) fil-paragrafu 2, il-punt li ġej huwa miżjud:

'(fa) dokumenti li, skont il-liġi tal-Istat Membru, mhumiex aċċessibbli għal raġunijiet ta' protezzjoni ta' data personali.'

Emenda

6. "li jinqara elettronikament" tfisser li dokumenti diġitali jkunu strukturati b'**tali mod li l-applikazzjonijiet** tas-softwer ikunu

ikunu jistgħu jidentifikaw b'mod affidabbli *dikjarazzjonijiet individwali ta' fatt u l-istruttura interna tagħhom.*

jistgħu, *b'mod teknoloġikament newtrali*, jidentifikaw *u jieħdu d-data rilevanti* b'mod affidabbli;

Emenda 13

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt 4 – punt 2
Direttiva 2003/98/KE
Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

(2) *Fi tmiem* il-paragrafu 4, *tiżdied is-sentenza li ġejja:*

"Il-miżuri ta' rikors għandhom jinkludu l-possibbiltà ta' reviżjoni minn *awtorità indipendenti li tingħata setgħat regolatorji speċifiċi* fir-rigward tal-użu mill-ġdid *tal-informazzjoni* tas-settur pubbliku, u li d-deċiżjonijiet tagħha *jkunu vinkolanti għall-entità* tas-settur pubbliku kkonċernata."

Emenda

(2) Il-paragrafu 4 *jinbidel li ġejj:*

'4. Kwalunkwe deċiżjoni rigward l-użu mill-ġdid għandha tinkludi referenza għall-mezz ta' rimedju f'każ li l-applikant ikun jixtieq jappella kontra d-deċiżjoni. Il-miżuri ta' rikors għandhom jinkludu l-possibbiltà ta' reviżjoni minn *entità imparzjali ta' reviżjoni, bħall-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni, l-awtorità nazzjonali tal-aċċess għad-dokumenti jew l-awtorità ġudizzjarja nazzjonali, li għandha l-awtorità li tinvestiga lmenti* fir-rigward tal-użu mill-ġdid *ta' dokumenti* tas-settur pubbliku u li d-deċiżjonijiet tagħha *jridu jiġu kkunsidrati mill-entità* tas-settur pubbliku kkonċernata.'

Emenda 14
Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt 6 – punt 1
Direttiva 2003/98/KE
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

'2. *F'każijiet eċċezzjonali, partikularment* fejn l-entitajiet tas-settur pubbliku jiġġeneraw parti sostanzjali mill-ispejjeż tal-operat tagħhom, marbutin mal-qadi tal-kompiti ta' servizz pubbliku tagħhom, *mill-isfruttar tad-drittijiet tal-proprjetà*

Emenda

'2. Fejn l-entitajiet tas-settur pubbliku jiġġeneraw *dħul mill-isfruttar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali tagħhom sabiex ikopru* parti sostanzjali mill-ispejjeż tal-operat tagħhom, marbutin mal-qadi tal-kompiti ta' servizz pubbliku tagħhom *jew*

intellettwali tagħhom, l-entitajiet tas-settur pubbliku jistgħu jithallem jimponu tariffi għall-użu mill-ġdid tad-dokumenti 'l fuq mill-ispejjeż marġinali, *skont l-għan, it-trasparenza u kriterji verifikabbli, sakemm dan ikun fl-interess pubbliku u soġġett għall-approvazzjoni tal-awtorità indipendenti msemmija fl-Artikolu 4(4), u mingħajr ħsara għall-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-Artikolu.*"

Emenda 15

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 6 – punt 1

Direttiva 2003/98/KE

Artikolu 6 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

'3. Minkejja *l-paragrafi 1 u 2*, il-libreriji (inklużi l-libreriji universitarji), il-mużewijiet *u* l-arkivji jistgħu jimponu tariffi 'l fuq mill-ispejjeż marġinali għall-użu mill-ġdid tad-dokumenti li *jaħżnu.*"

Emenda 16

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 9

Direttiva 2003/98/KE

Artikolu 9

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom *jiżguraw li jkunu implimentati* arranġamenti prattiċi li jiffaċilitaw it-tiftix, b'isna differenti, għad-dokumenti disponibbli għall-użu mill-ġdid, bħal listi ta' dokumenti ewlenin bil-metadejta rilevanti, preferibbilment aċċessibbli fuq l-internet u f'format li

attività partikolari sakemm din taqa' fl-ambitu tal-kompiti ta' servizz pubbliku tagħhom u tirrappreżenta parti sostanzjali minn dawk il-kompiti, l-entitajiet tas-settur pubbliku jistgħu jithallem jimponu tariffi għall-użu mill-ġdid tad-dokumenti 'l fuq mill-ispejjeż marġinali

Emenda

'3. Minkejja l-paragrafu 1, il-libreriji (inklużi l-libreriji universitarji), il-mużewijiet, l-arkivji, *u entitajiet tas-settur pubbliku li jaqdu skopijiet simili għal dawk ta' hawn fuq*, jistgħu jimponu tariffi 'l fuq mill-ispejjeż marġinali għall-użu mill-ġdid tad-dokumenti li *jżommu fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi, trasparenti u verifikabbli, u soġġett għall-approvazzjoni tal-awtorità msemmija fl-Artikolu 4(4).*

Emenda

L-Istati Membri għandhom *jadottaw* arranġamenti prattiċi li jiffaċilitaw it-tiftix, b'isna differenti, għad-dokumenti disponibbli għall-użu mill-ġdid, bħal listi ta' dokumenti ewlenin bil-metadejta rilevanti, preferibbilment aċċessibbli fuq l-internet u f'format *teknoloġikament*

jinqara elettronikament, u siti **u** portali li *jkollhom ħolqa għal listi* deċentralizzati ta' assi."

newtrali u li jinqara elettronikament, u siti portali li *huma konnessi mal-listi* deċentralizzati ta' assi.

Emenda 17

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 10

Direttiva 2003/98/KE

Artikolu 11 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

10. *Fl-Artikolu 11* (il-projbizzjoni tal-arranġamenti esklussivi), *tiżdied is-sentenza li ġejja fi tmiem il-paragrafu 3:*

Emenda

10. 1Artikolu 11 (il-projbizzjoni tal-arranġamenti esklussivi) *ġie emendat kif ġej:*

(1) Jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“2a. Minkejja l-paragrafu 1, meta jkun hemm il-ħtieġa ta' dritt esklussiv għall-provvista ta' servizz fl-interess pubbliku, bħalma hi d-diġitalizzazzjoni, il-validità tar-raġuni għall-għoti ta' tali dritt esklussiv għandha tkun soġġetta għal reviżjoni regolari, u għandha, fi kwalunkwe każ, tiġi riveduta kull tliet snin. L-arranġamenti esklussivi stabbiliti wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva għandhom ikunu trasparenti u jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku. Fejn ikun hemm dritt esklussiv marbut mal-isfruttament kummerċjali preferenzjali neċessarju għad-diġitalizzazzjoni tar-riżorsi kulturali, l-entità tas-settur pubbliku għandha tingħata kopja tar-riżorsi kulturali diġitalizzati bħala parti minn dak il-ftehim.”

Emenda 18

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 10 – punt 1a (ġdid)

Direttiva 2003/98/KE

Artikolu 11 – paragrafu 3

(1a) Is-sentenza li ġejja qed tiddaħħal fl-aħħar ta' paragrafu 3:

"Madankollu, arranġamenti ta' dan it-tip li jinvolve *l-istabbilimenti kulturali u l-libreriji tal-università* għandhom jintemmu fi tmiem il-kuntratt, jew f'kull każ mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 20XX [*sitt snin* wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].".

"Madankollu, arranġamenti ta' dan it-tip li jinvolve *arkivji, mużewijiet u libreriji (inklużi l-libreriji universitarji)* għandhom jintemmu fi tmiem il-kuntratt, jew f'kull każ mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 20XX [*għaxar* snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

PROĊEDURA

Titolu	Emenda tad-Direttiva 2003/98/KE dwar l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku	
Referenzi	COM(2011)0877 – C7-0502/2011 – 2011/0430(COD)	
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 15.12.2011	
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	JURI 15.12.2011	
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Marielle Gallo 19.12.2011	
Eżami fil-kumitat	9.7.2012	18.9.2012
Data tal-adozzjoni	11.10.2012	
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 20	–: 2
	0: 0	
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Luigi Berlinguer, Sebastian Valentin Bodu, Giuseppe Gargani, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Gerald Häfner, Sajjad Karim, Klaus-Heiner Lehne, Antonio Masip Hidalgo, Bernhard Rapkay, Evelyn Regner, Francesco Enrico Speroni, Rebecca Taylor, Alexandra Thein, Rainer Wieland, Cecilia Wikström, Tadeusz Zwiefka	
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Piotr Borys, Eva Lichtenberger, József Szájer, Axel Voss	
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Sylvie Guillaume, Salvatore Tatarella	

PROĊEDURA

Titolu	Emenda tad-Direttiva 2003/98/KE dwar l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku			
Referenzi	COM(2011)0877 – C7-0502/2011 – 2011/0430(COD)			
Data meta ġiet ippreżentata lill-PE	12.12.2011			
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 15.12.2011			
Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	IMCO 15.12.2011	CULT 15.12.2011	JURI 15.12.2011	LIBE 15.12.2011
Opinjoni(jiet) mhux mogħtija Data tad-deċiżjoni	LIBE 28.2.2012			
Rapporteur(s) Data tal-ħatra	Ivailo Kalfin 27.1.2012			
Eżami fil-kumitat	19.6.2012	17.9.2012	9.10.2012	
Data tal-adozzjoni	29.11.2012			
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: -: 0:	46 4 0		
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Josefa Andrés Barea, Zigmantas Balčytis, Ivo Belet, Bendt Bendtsen, Jan Březina, Reinhard Bütikofer, Maria Da Graça Carvalho, Giles Chichester, Jürgen Creutzmann, Pilar del Castillo Vera, Dimitrios Droutsas, Vicky Ford, Gaston Franco, Adam Gierek, Norbert Glante, Fiona Hall, Edit Herczog, Kent Johansson, Romana Jordan, Krišjānis Kariņš, Lena Kolarska-Bobińska, Judith A. Merkies, Angelika Niebler, Jaroslav Paška, Vittorio Prodi, Miloslav Ransdorf, Herbert Reul, Jens Rohde, Paul Rübig, Amalia Sartori, Salvador Sedó i Alabart, Francisco Sosa Wagner, Patrizia Toia, Catherine Trautmann, Ioannis A. Tsoukalas, Claude Turmes, Marita Ulvskog, Vladimir Urutchev, Alejo Vidal-Quadras			
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Antonio Cancian, Ioan Enciu, Roger Helmer, Jolanta Emilia Hibner, Bernd Lange, Zofija Mazej Kukovič, Alajos Mészáros, Vladimír Remek, Silvia-Adriana Țicău, Henri Weber			
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Keith Taylor			
Data tat-tressiq	7.12.2012			

